KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.5.2008
KUMM(2008)243 finali

2008/0093 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-ftehim ta' sħubija fil-qasam tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012**

(preżentata mill-Kummissjoni)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Komunità u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja, fit-13 ta' Marzu 2008, innegozjaw u inizjalaw Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja.

Dan il-Protokoll ġie konkluż għal perjodu ta' erba' snin. Jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan. Għandu japplika mill-1 ta' Awissu 2008. Huwa jissostitwixxi l-protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja fis-seħħ mill-1 ta' Awissu 2006 sal-31 ta' Lulju 2008, li jiġġedded awtomatikament sal-31 ta' Lulju 2012.

Fid-definizzjoni tal-pożizzjoni ta' negozjar tagħha, il-Kummissjoni mxiet, fost affarijiet oħrajn, fuq l-evalwazzjoni tal-livell ta' użu tal-protokoll preċedenti. B'dan il-mod il-protokoll il-ġdid jipprevedi tnaqqis ta' l-opportunitajiet ta' sajd meta mqabbla mal-protokoll fis-seħħ bejn l-1 ta' Awissu 2006 sal-31 ta' Lulju 2008, biex b'hekk jiġu riflessi l-ħtiġijiet imnaqqsa tal-flotta Ewropea u l-aħħar pariri xjentifiċi. L-opportunitajiet tas-sajd tnaqqsu b'25% għall-kategorija taċ-ċefalopodi, b'10% sa 50% għall-kategoriji demersali u b'43% għall-kategorija ta' l-organiżmi pelaġiċi ż-żgħar, biex b'hekk it-tunnellaġġ globali jitnaqqas għal 250 000 tunnellata fis-sena, minflok l-440 000 tunnellata fis-sena li huwa fis-seħħ attwalment.

Dan il-protokoll, bis-saħħa ta' appoġġ settorjali mtejjeb, għandu l-għan li jsaħħaħ l-integrazzjoni ekonomika tas-settur tas-sajd, partikolarment permezz tat-trawwim ta' l-investiment, inkluż ukoll min-naħa ta' l-impriżi Ewropej, fis-settur tas-sajd tal-Mawritanja.

Abbażi ta' l-istrateġija settorjali tas-sajd kif definita mill-Gvern il-ġdid tal-Mawritanja, elett demokratikament f'Marzu 2007, il-prijoritajiet attwali tal-politika nazzjonali tas-sajd fil-Mawritanja tall-miri li jridu jitwettqu u tal-programmazzjoni annwali u multijannwali relattivi, se jiġu identifikati bi qbil komuni, bil-għan li tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli u responsabbli tas-settur.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-protokoll hija stabbilita għal EUR 86 miljun għall-ewwel sena, 76 miljun għat-tieni sena, 73 miljun għat-tielet sena u 70 miljun għar-raba' sena. Minn din il-kontribuzzjoni finanzjarja, bħala appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali tas-sajd, għandu jiġi allokat EUR 11-il miljun fl-ewwel sena, 16-il miljun fit-tieni sena, 18-il miljun fit-tielet sena u 20 miljun fir-raba' sena, li minnhom EUR 1 miljun fis-sena jingħata bħala appoġġ finanzjarju għall-Park Nazzjonali tal-Banc d'Arguin (PNBA).

L-opportunitajiet ta' sajd stipulati fil-ftehim ġew iffissati skond ħdax-il kategorija. Il-Kundizzjonijiet għal kull perjodu ta' liċenzja huma kif ġej:

– Krustaċji (ħlief awwisti): kapaċità massima awtorizzata ta' 9 570 tunnellata grossa (TG)

– Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir u bastimenti tas-sajd bil-konzijiet immirati għal marlozz iswed: kapaċità massima awtorizzata ta' 3 240 TG.

– Żoni tas-sajd demersali – minbarra bastimenti tas-sajd bit-tkarkir u li huma mmirati għal speċi oħra li mhux il-marlozz iswed: kapaċità massima awtorizzata ta' 1 162 TG.

– Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir demersali – mmirati għal speċi demersali li mhux il-marlozz iswed, ċefalopodi u krustaċji: kapaċità massima awtorizzata ta’ 375 TG.

– Ċefalopodi: kapaċità massima awtorizzata ta’ 13 950 TG għal 32 liċenzja.

– Awwisti u granċijiet: kapaċità massima awtorizzata ta’ 300 TG għal kull kategorija.

– Żona tas-sajd għat-tonn: massimu ta’ 22 liċenzja għal bastimenti tas-sajd bit-tartarun u 22 waħda għal bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief u bastimenti tas-sajd bil-konz.

– Pelaġiċi żgħar (bastimenti tas-sajd pelaġiku bit-tkarkir bil-friża): 17-il liċenzja.

– Pelaġiċi żgħar (bastimenti li mhux bil-friża): kapaċità massima awtorizzata ta’ 15 000 TG.

Il-pagamenti tas-sidien ġew iffissati għal kull kategorija. It-total tal-ħlasijiet tas-sidien mħallas direttament lil Mawritanja huwa stmat għal madwar EUR 15 000 000 fis-sena.

Il-Kummissjoni tipproponi li, fuq din il-bażi, il-Kunsill jadotta l-konklużjoni ta' dan il-Protokoll il-ġdid dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja.

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni provviżjorja tal-protokoll il-ġdid hija s-suġġett ta’ proċedura separata.

2008/0093 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-ftehim ta' sħubija fil-qasam tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u (3), l-ewwel inċiż,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Komunità u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja kkonkludew Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd. Dan il-ftehim ġie approvat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006[1] u daħal fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2006.

(2) Il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja nnegozjaw u inizjalaw protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduti mill-ftehim ta' sħubija għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012.

(3) Huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova dan il-Protokoll.

(4) Dan il-protokoll jieħu post il-protokoll preċedenti approvat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1801/2006.

(5) Jeħtieġ li jiġi definit il-kriterju tat-tqassim ta' l-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-Ftehim ta' sħubija fis-settur ta' sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-

[1] ĠU L343, 6.12.2006, p. 1.

Mawritanja għall-perjodu bejn l-1 ta' Awissu 2008 u l-31 ta' Lulju 2012 hu approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll hu mehmuż mar-Regolament preżenti.

*Artikolu 2*

1. L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti bil-Protokoll għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri kif ġej:

| **Kategorija ta' sajd** | **Tg jew liċenzji massimi għal kull perjodu tal-liċenzji** | **Stat membru** | **Tg, liċenzji jew kwota ta' qabdiet annwali għal kull stat membru** |
|---|---|---|---|
| **Kategorija 1: Bastimenti tas-sajd għal krustaċji ħlief l-awwista u l-granċ** | 9 570 TG | Spanja<br>L-Italja<br>Il-PortugalL | 7 313 TG<br>1 371 TG<br>886 TG |
| **Kategorija 2: Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir u bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ għas-sajd tal-marlozz iswed** | 3 240 TG | Spanja | 3 240 TG |
| **Kategorija 3: Bastimenti tas-sajd għal speċijiet demersali ħlief il-marlozz iswed u b'irkaptu li ma jinvolvix xbieki tat-tkarkir** | 1 162 TG | Spanja | 1 162 TG |
| **Kategorija 4: Bastimenti tat-tkarkir bil-friża li jistadu għal speċijiet demersali** | 375 TG | Il-Greċja | 375 TG |
| **Kategorija 5: Ċefalopodi** | 13 950 TG<br>32-il liċenzja | Spanja<br>L-Italja<br>Il-Portugall<br>Il-Greċja | 24 liċenzja<br>4 liċenzji<br>1 liċenzja<br>3 liċenzji |
| **Kategorija 6: Awwisti** | 300 TG | Il-Portugall | 300 TG |
| **Kategorija 7: Bastimenti bil-friża li jistadu għat-tonn bit-tartarun** | 22 liċenzja | Spanja<br>Franza | 17-il liċenzja<br>5 liċenzji |
| **Kategorija 8: Bastimenti għas-sajd tat-tonn bil-qasab u x-xlief u bastimenti għas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ** | 22 liċenzja | Spanja<br>Franza | 18-il liċenzja<br>4 liċenzji |
| **Kategorija 9: bastimenti bil-friża għas-sajd pelaġiku bit-tkarkir** | 17-il liċenzja għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 250 000 tunnellata | | |
| **Kategorija 10: Sajd għall-granċ** | 300 TG | Spanja | 300 TG |
| **Kategorija 11 bastimenti tas-sajd pelaġiku frisk** | 15 000 TG fix-xahar bħala medja annwali | | |

2. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, l-opportunitajiet ta’ sajd fil-Kategorija 11 (bastiment tas-sajd pelaġiku bil-friża) li ma jiġux utilizzati jistgħu jiġu utilizzati mill-Kategorija 9 (bastimenti bil-friża għas-sajd pelaġiku bit-tkarkir) sa limitu massimu ta’ 20 liċenzja fix-xahar.

3. F’dak li jirrigwarda l-kategorija 9 (bastimenti tas-sajd pelaġiku bit-tkarkir, u li għandhom friża), il-Kummissjoni, wara li tkun irċeviet pjan tas-sajd annwali mħejji mill-Istati Membri, fejn jiġu stabbiliti l-applikazzjonijiet skond il-bastimenti individwali, tibgħat l-applikazzjonijiet għal-liċenzji lill-awtoritajiet tal-Mawritanja, tgħarraf lil dawn l-awtoritajiet dwar jekk tkunx se tintuża l-kwota supplementari ta’ 50 000 tunnellata aktar mit-tunnellaġġ ta' referenza ta' 250 000 tunnellata u, skond il-każ, titlob lil dawk l-awtoritajiet li jżidu l-kwota supplementari ta’ 50 000 tunnellata. Il-pjan tas-sajd annwali jistabbilixi għal kull bastiment ix-xhur ta’ l-attivitajiet u l-qabdiet stmati għal kull xahar ta’ attività. Għall-ewwel sena ta' l-applikazzjoni tal-protokoll, il-pjanijiet tas-sajd jintbagħtu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2008. Mill-2008, dawn il-pjanijiet jintbagħtu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Jannar ta’ kull sena.

   Fir-rigward li l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-Kategorija 9, (bastimenti bil-friża għas-sajd pelaġiku bit-tkarkir), jaqbżu l-għadd massimu awtorizzat għall-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tibgħat bi prijorità lill-awtoritajiet tal-Mawritanja l-applikazzjonijiet minn bastimenti li l-aktar ikunu utilizzaw il-liċenzji matul is-sitt xhur ta’ qabel it-tressiq ta’ l-applikazzjonijiet imsemmija.

4. F’dak li jirrigwarda l-kategorija 11 (bastimenti bil-friża għas-sajd pelaġiku), il-Kummissjoni tibgħat l-applikazzjonijiet lill-awtoritajiet tal-Mawritanja, wara li tkun irċeviet pjan tas-sajd annwali mill-Istati Membri fejn ikunu indikati applikazzjonijiet skond il-bastimenti individwali. Dan il-pjan jintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Diċembru tas-sena ta’ qabel. L-għadd preċiż ta’ TG previsti għal kull xahar ta’ attività.

   Fil-każ ta' talba li taqbeż il-medja annwali ta’ 15 000 TG fix-xahar, l-allokazzjoni għandha issir skond il-pjanijiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

1. Il-ġestjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd għandha ssir b'konformità sħiħa ma' l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd[2].

2. Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji minn dawn l-Istati Membri kif jissemmew fl-Artikolu 2 ma jeżawrixxux l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti bil-Protokoll, il-Kummissjoni tqis l-applikazzjonijiet għal-liċenzji minn kwalunkwe Stat Membru ieħor.

[2] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri li jkollhom bastimenti jistadu fil-kuntest ta' dan il-ftehim għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet ta' kull stokk maqbuda fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja skond it-termini stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar is-sorveljanza tal-qabdiet meħuda mid-dgħajjes [bastimenti] tas-sajd tal-Komunità f'ibħra ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra miftuħa[3].

*Artikolu 5*

I-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll li jorbot lill-Komunità.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

[3] ĠU L 73, 15.3.2001, p.8.

**PROTOKOLL**

**li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduti fil-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012**

*Artikolu 1*
*Il-perjodu ta' l-applikazzjoni u l-opportunitajiet ta' sajd*

1. Mill-1 ta' Awissu 2008 u għal perjodu ta' erba' snin, l-opportunitajiet ta' sajd allokati skond l-Artikoli 5 u 6 tal-Ftehim huma stabbiliti fit-tabella mehmuża ma' dan il-Protokoll. Dawn l-opportunitajiet huma parti mill-isforz globali ta' sajd imsemmi fl-Anness III, kif inhu definit mill-awtoritajiet tal-Mawritanja abbażi ta' pariri xjentifiċi disponibbli u aġġornati perjodikament

2. Il-paragrafu 1 japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 u 5 ta' dan il-Protokoll.

3. Skond l-Artikolu 6 tal-Ftehim, il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru tal-Komunità Ewropea ma jistgħux jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żoni ta' sajd tal-Mawritanja jekk ma jkollhomx liċenzja maħruġa fil-qafas ta' dan il-Protokoll u skond it-termini deskritti fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 2*
*Il-kontribuzzjoni finanzjarja – Metodi ta' ħlas*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim hija stabbilita għal EUR 86 miljun għall-ewwel sena, 76 miljun għat-tieni sena, 73 miljun għat-tielet sena u 70 miljun għar-raba' sena[4]. Minn dawn l-ammont, EUR 11-il miljun huma allokati lill-Mawritanja għall-ewwel sena, 16-il miljun għat-tieni sena, 18-il miljun għat-tielet sena u 20 miljun għar-raba' sena bħala appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali tas-sajd, kif prevista fl-Artikolu 7(1b) tal-ftehim, li minnhom EUR 1 miljun fis-sena għall-appoġġ tal-Park Nazzjonali tal-Banc d'Arguin (PNBA).

2 Fil-każ li t-tunnellaġġ globali ta' 250 000 tunnellata fis-sena jinqabeż għall-kategorija 9 "Pelaġiċi", il-parti Komunitarja tiżdied b'kontribut komplementari ta' EUR 40 għal kull tunnellata maqbuda.

3. Il-paragrafu 1 japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 9, 10 u 13 ta' dan il-Protokoll.

---

[4] Ma' dan l-ammont jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet dovuti mis-sidien tal-bastimenti provduti fil-Kapitolu III ta' l-Anness I, li l-Mawritanja tirċievi direttament fil-kont previst fil-Kapitolu IV ta' l-Anness I, u li huma stmati għal EUR 15-il miljun fis-sena.
Barra minn hekk, soġġett għall-firma tiegħu, id-Dokuemnt ta' Strateġija u l-Programm Indikattiv Nazzjonali ta' 10 FED għall-Mawritanja jinkludi, fost affarijiet oħra, previżjonijiet ta' appoġġ finanzjarju ta' EUR 40 miljun fuq tliet snin mill-2009, jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa jippermettu dan. Abbażi ta' rendiment globali pożittiv fil-mument tar-reviżjoni ta' nofs il-mandat ta' l-10 FED fl-2010, inkluż il-politika settorjali tas-sajd, tista' tiġi ppjanata emenda għall-kemm jista' jitla l-pakkatt programmabbli 10 FED.

4. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandu jsir sa mhux aktar tard mit-31 ta' Awissu 2008 għall-ewwel sena u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awissu għas-snin ta' wara.

5. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas f'kont uniku tat-Teżor tar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja miftuħ fil-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, li r-referenzi tiegħu huma kkomunikati mill-Ministeru.

6. Soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, l-allokazzjoni ta' dan il-kontribut u ta' l-appoġġ lill-PNBA tiġi deċiża fil-qafas tal-Liġi Finanzjarja tal-Mawritanja, u għalhekk taqa' taħt il-kompetenza esklussiva ta' l-Istat tal-Mawritanja.

*Artikolu 3*
*Kooperazzjoni xjentifika*

1. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jippromwovu sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli.

2. Matul il-perjodu fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, iż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex japprofondixxu ċerti kwistjonijiet marbuta ma' l-evoluzzjoni ta' l-istat tar-riżorsi fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja; għal dan il-għan għandha tiġi organizzata laqgħa tal-kumitat xjentifiku konġunt talanqas darba fis-sena, skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 4 tal-Ftehim. Jistgħu jiġu organizzati wkoll laqgħat oħra ta' dan il-kumitat xjentifiku konġunt fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, u f'każ ta' bżonn iddikjarat fil-kuntest ta' dan il-Protokoll.

3. Iż-żewġ Partijiet, skond il-konklużjonijiet tal-ħidma tal-kumitat xjentifiku konġunt u fid-dawl ta' l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli, għandhom jikkonsultaw bejniethom fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta skond l-Artikolu 10 tal-Ftehim sabiex jadottaw, jekk ikun il-każ u bi qbil reċiproku, miżuri li jwasslu għal ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

4. Il-mandat tal-kumitat xjentifiku konġunt jenfasizza b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

   (a) l-elaborazzjoni ta' rapport xjentifiku annwali dwar iż-żoni tas-sajd li huma suġġetti għal dan il-Ftehim;

   (b) l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programm annwali li jittratta kwistjonijiet xjentifiċi speċifiċi sabiex ikun hemm titjib fl-għarfien ta' l-istat tar-riżorsi u l-evoluzzjoni ta' l-ekosistemi;

   (c) l-istudju, skond proċedura approvata minn konsensus fi ħdan il-kumitat, ta' kwistjonijiet xjentifiċi li jinqalgħu matul l-eżekuzzjoni ta' dan il-Ftehim;

   (d) it-twettiq, fost l-oħrajn, u fejn ikun hemm bżonn, ta' kampanji ta' sajd spermentali biex jiġu determinati l-opportunitajiet ta' sajd u l-possibbiltajiet ta' sfruttar li jiggarantixxu l-konservazzjoni tar-riżorsi u ta' l-ekosistema tagħhom.

*Artikolu 4*
*Reviżjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd*

1. L-opportunitajiet għas-sajd imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll jistgħu jiżdiedu bi qbil bejn il-Partijiet sakemm, skond il-konklużjonijiet tal-kumitat xjentifiku konġunt stipulat fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 4 tal-Ftehim, din iż-żieda ma tkunx ta' dannu għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-Mawritanja. F'tali każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll tiżdied proporzjonalment u *pro rata temporis*. Madankollu, is-somma totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa mill-Komunità Ewropea ma tistax taqbeż id-doppju tas-somma indikata fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll u dan it-total jibqa' proporzjonali għaż-żieda fl-opportunitajiet ta' sajd.

2. F'każ fejn, min-naħa l-oħra, il-Partijiet jaqblu dwar l-adozzjoni ta' miżuri msemmija f l-Artikolu 3(3) ta' dan il-Protokoll li jwasslu għal tnaqqis fl-opportunitajiet ta' sajd imsemmija fl-Ewwel Artikolu ta' dan il-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja titnaqqas proporzjonalment u *pro rata temporis*. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, din il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tiġi sospiża mill-Komunità Ewropea f'każ li ma tkun tista' titwettaq l-ebda waħda mill-opportunitajiet ta' sajd provduti f'dan il-Protokoll.

3. It-tqassim ta' l-opportunitajiet ta' sajd bejn id-diversi kategoriji ta' bastimenti jista' jkun ukoll soġġett għal reviżjoni bi ftehim bejn il-Partijiet u skond kull rakkomandazzjoni oħra li tista' ssir mill-kumitat xjentifiku konġunt fir-rigward tal-ġestjoni ta' l-istokks li jistgħu jiġu affettwati minn dan it-tqassim mill-ġdid. Il-Partijiet għandhom jiftiehmu dwar l-aġġustament korrispondenti fil-kontribuzzjoni finanzjarja meta jkun ġustifikat mit-tqassim mill-ġdid ta' l-opportunitajiet ta' sajd.

4. Ir-reviżjonijiet ta' l-opportunitajiet ta' sajd provduti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' hawn fuq, għandhom jiġu deċiżi bi qbil komuni bejn iż-żewġ Partijiet fil-qafas tal-kummissjoni Konġunta prevista fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

*Artikolu 5*
*Sajd sperimentali*

1. Il-Partijiet jistgħu jwettqu kampanji ta' sajd sperimentali fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, skond il-parir tal-kumitat xjentifiku konġunt previst fl-Artikolu 4 tal-Ftehim. Għal dan il-għan, jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fuq talba ta' waħda mill-Partijiet biex jiddeterminaw, skond il-każ, ir-riżorsi l-ġodda, il-kundizzjonijiet u parametri oħra importanti.

2. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd sperimentali jingħataw bi prova għal perjodu massimu ta' sitt xhur u skond id-dispożizzjonijiet provduti fl-Artikolu 6(2) tal-Ftehim. Huma suġġetti għal ħlas ta' kontribuzzjoni.

3. Meta l-Partijiet jiddeterminaw li l-kampanji sperimentali jkunu taw riżultati pożittivi, b'rispett għall-preżervazzjoni ta' l-ekosistemi u għall-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi bijoloġiċi, ikunu jistgħu jiġu attribwiti opportunitajiet ġodda ta' sajd lill-bastimenti Komunitarji skond il-proċedura ta' konċentrazzjoni misjuba fl-Artikolu 4 tal-Protokoll attwali u sa l-iskadenza ta' l-istess, skond l-isforz permissibbli. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tiżdied skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

4. Is-sajd sperimentali jitwettaq f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istitut ta' Riċerki Oċeanografiċi u tas-Sajd tal-Mawritanja (IMROP) (l'Institut Mauritanien de

Recherches Océanographiques et des Pêches). Għalhekk, l-IMROP jiddeċiedi min ikun parti mill-ekwipaġġ ta' riċerkaturi u osservaturi li jitilgħu abbord, li l-ispejjeż tagħhom iħallashom is-sid tal-bastiment. L-informazzjoni li toħroġ mis-sajd sperimentali hija suġġett ta' rapport ta' l-IMROP li jiġi kkomunikat lill-Ministeru.

5. Il-qabdiet li jsiru matul is-sajd sperimentali huma l-proprjetà tas-sid tal-bastiment. Mhux permess li jinqabdu speċijiet li d-daqs tagħhom mhux regolamentari u dawk li għalihom ir-regoli tal-Mawritanja ma jawtorizzawx is-sajd, iż-żamma abbord u l-bejgħ.

6. Ħlief għal dispożizzjonijiet kontra li jiġu deċiżi bi qbil bejn iż-żewġ Partijiet, il-bastimenti li jaħdmu taħt is-sistema tas-sajd sperimentali jħottu l-qabdiet kollha tagħhom fil-Mawritanja.

*Artikolu 6*
*Il-sehem tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-implimentazzjoni ta' politika settorjali dwar is-sajd tal-Mawritanja*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7(1b) tal-Ftehim huwa stabbilit għal EUR 11-il miljun għall-ewwel sena, 16-il miljun għat-tieni sena, 18-il miljun għat-tielet sena u 20 miljun għar-raba' sena, skond l-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll. Dan l-appoġġ finanzjarju għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli tas-Settur tas-Sajd tal-Mawritanja, bil-għan li jkun hemm sajd sostenibbli u responsabbli fl-ibħra tagħha, f'konformità ma' l-għanijiet strateġiċi ta' preservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u ta' integrazzjoni aħjar tas-settur fl-ekonomija nazzjonali, u b'mod partikolari fl-oqsma ta' interventi mħabbra fil-paragrafu 3 hawn taħt u li l-lista indikattiva ta' l-indikaturi hija murija fl-Anness IV kif ukoll fil-PNBA.

2. Il-ġestjoni tas-somma totali li tikkorrispondi għall-appoġġ finanzjarju stipulat fil-paragrafu 1 aktar 'il fuq taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Mawritanja u hija msejsa fuq l-identifikazzjoni, bi qbil bejn il-Partijiet, ta' l-għanijiet li għandhom jitwettqu u l-programmazzjoni relatata, u ta' l-indikaturi li jippermettu l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni.

3. Bla ħsara għall-identifikazzjoni, miż-żewġ Partijiet, ta' dawn l-għanijiet u b'konformità mal-prijoritajiet ta' l-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli tas-Settur tas-Sajd tal-Mawritanja u sabiex tkun żgurata ġestjoni sostenibbli u responsabbli f'dan is-settur, iż-żewġ Partijiet jaqblu li jiffokaw fuq:

***Fil-kuntest ta' l-iżvilupp tas-sajd u tat-titjib tar-rendiment, fuq l-għanijiet li ġejjin:***

- L-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' żvilupp tas-sajd (qarnit, gambli, eċċ.),
- It-tisħiħ tar-riċerka tas-sajd u r-riċerka oċeanografika,
- It-tisħiħ tas-sorveljanza,
- Il-kontroll u l-aġġustament tal-kapaċitajiet,
- L-iżvilupp ta' sajd ġdid (sardin, inċova, eċċ.).

***Fil-kuntest tat-tkattir tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali tas-settur, fuq l-għanijiet li ġejjin:***

- L-iżvilupp ta' l-infrastrutturi u tas-servizzi tal-portijiet,
- L-allinjament mar-regoli u l-promozzjoni tal-kwalità, notevolment f'dak li jirrigwarda t-titjib tal-kundizzjonijiet sanitarji tal-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' kontroll ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja,
- Il-promozzjoni ta' l-investiment privat fis-settur, notevolment permezz tat-tiġdid u l-immodernizzar ta' l-apparat tal-produzzjoni, il-promozzjoni tal-fatturi tal-kompetittività globali u tal-vantaġġi komparattivi,
- L-iżvilupp tas-sajd marittimu artiġjanali, tas-sajd kontinentali u ta' l-akkwakultura.

***Fil-kuntest tal-Ħarsien ta' l-ambjent tal-baħar, tal-ħabitats u tal-kosti, fuq l-għanijiet li ġejjin:***

- Il-preservazzjoni ta' l-ambjent tal-baħar u tal-ħabitats akkwatiċi,
- It-tisħiħ tal-kapaċitajiet djanjostiċi u tal-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar.

***Fil-kuntest tar-riforma tal-qafas ġuridiku u istitizzjonali, fuq l-għanijiet li ġejjin:***

- It-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-Ministeru tas-Sajd u ta' l-istrutturi taħt ir-responsabbiltà tiegħu,
- It-titjib tal-qafas ġuridiku ta' l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet tas-sajd u ta' l-ambjent istituzzjonali tas-settur.

*Artikolu 7*
*It-termini għall-implimentazzjoni ta' l-appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd tal-Mawritanja*

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet provduti fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, il-Komunità Ewropea u l-Ministeru jiftiehmu, fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta prevista fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, abbażi ta' l-orjentazzjonijiet indikati fl-Anness IV u minn meta jidħol fis-seħħ il-Protokoll, dwar:

   a) l-orjentazzjonijiet annwali u multijannwali li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-politika dwar is-sajd tal-Mawritanja identifikati fl-Artikolu 6 hawn taħt u maħsuba biex jinħoloq sajd sostenibbli u responsabbli u, b'mod partikolari, dawk imsemmija fl-Artikolu 6(3).

   b) il-miri annwali u multijannwali li għandhom jintlaħqu kif ukoll il-kriterji u l-indikaturi li għandhom jintużaw sabiex issir evalwazzjoni tar-riżultati miksuba, fuq bażi annwali.

2. Kull tibdil f'dawn il-linji gwida, miri, kriterji u indikaturi għall-valutazzjoni għandu jiġi approvat miż-żewġ Partijiet fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta.

3 F'kontinwità ma' l-għanijiet u l-orjentazzjonijiet definiti u implimentati fil-Protokoll 2006/2008 fis-seħħ sal-31 ta' Lulju 2008, programmazzjoni multijannwali ta' l-

appoġġ settorjali mogħti kull sena kalendarja ta' dan il-Protokoll, tiġi kkomunikata kull sena lill-Komunità Ewropea sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu.

Fir-rigward ta' l-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-programmazzjoni multijannwali u l-allokazzjoni annwali tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Mawritanja stipulata fl-Artikolu 6(1) ta' dan il-Protokoll għandha tkun ikkomunikata lill-Komunità Ewropea ma' l-approvazzjoni, fil-Kummissjoni Konġunta, tal-linjigwida, l-miri u l-kriterji u l-indikaturi għall-evalwazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu.

L-appoġġ settorjali għandu jkun soġġett għal reviżjoni konġunta ta' nofs il-mandat, dwar l-ilħiq l-indikaturi tar-riżultati fis-sena ċivili attwali matul ix-xahar ta' Ġunju u ta' reviżjoni konġunta finali dwar l-ilħiq ta' l-indikaturi tar-riżultati matul ix-xahar ta' jannar tas-sena ta' wara. Barra minn hekk, il-parti Mawritanja għandha tikkomunika, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru ta' kull sena, l-allokazzjoni finanzjarja settorjali prevista fil-Liġi tal-Finanzi tas-sena ta' wara.

4. Bi tħejjija għal dawn ir-reviżjonijiet konġunti, il-Ministeru jibgħat lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn xahar qabel l-istudju konġunt ta' nofs il-mandat u ta' l-istudju konġunt finali rispettivament, rapport provviżorju u rapport finali annwali dwar l-implimentazzjoni tar-riżultati miksuba, kif ukoll dwar id-diffikultajiet li setgħu irriżultaw, u dwar il-miżuri korrettivi u ta' tpattija proposti.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li titlob lill-awtoritajiet tal-Mawritanja kull informazzjoni addizzjonali dwar dawn ir-riżultati sabiex tibda konsultazzjonijiet ma' l-awtoritajiet tal-Mawritanja fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta stipulata fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, biex tadotta l-miżuri korrettivi sabiex tippermetti li jintlaħqu l-miri stabbiliti.

*Artikolu 8*

*L-integrazzjoni ekonomika ta' l-operaturi tal-Komunità fis-settur tas-sajd fil-Mawritanja*

1. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-integrazzjoni ekonomika ta' l-operaturi tal-Komunità fil-qasam tas-sajd kollu tal-Mawritanja. F'dan il-kuntest, matul l-2008, iż-żewġ partijiet għandhom iwettqu flimkien evalwazzjonijiet oġġettivi tar-restrizzjonijiet marbuta ma' l-investiment privat fis-settur tas-sajd tal-Mawritanja, bil-għan li jinstabu dawk ir-rotot li jistgħu iwasslu għall-investiment, billi jitqies l-iżvilupp ta' l-infrastrutturi tal-ħatt, l-istandardizzar u l-immodernizzar ta' l-għodod ta' prodozzjoni, u l-promozzjoni tas-settur tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-miżuri ta' titjib ta' l-ambjent ġuridiku u istituzzjonali tas-settur u tal-kompetittività tiegħu.

2. Iż-żewġ partijiet qablu li jistabbilixxu grupp konġunt ta' riflessjoni, bil-għan li jeżamina perjodikament il-kwistjonijiet marbuta mal-promozzjoni ta' l-investiment privat fis-settur tas-sajd tal-Mawritanja, notevolment il-faċilitazzjoni ta' l-istabbiliment ta' l-impriżi'privati ewropej, il-kumpaniji mħallta ta' operaturi tal-Mawritanja u Ewropej u strateġiji xierqa għal sħubijiet pubbliċi-privati. Dan il-grupp ta' rilfessjoni jkun jista' jiddefinixxi pjan ta' azzjoni annwali speċifiku u jsegwi bi qbil komuni l-istabbiliment tiegħu, partikolarment fil-kuntest tal-kontribuzzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għat-twettiq tal-politika settorjali dwar is-sajd tal-Mawritanja;

3. Iż-żewġ partijiet iddeċidew ukoll li jiltaqgħu kull sena, fil-qafas ta' forum maħsub għall-promozzjoni ta' sħubiji privati fis-settur tas-sajd tal-Mawritanja. Dan il-forum annwali, li fih jitlaqqgħu l-operaturi privati Ewropej u dawk tal-Mawritanja, isir fil-Mawritanja.

4. Sabiex jiġi żviluppat, b'mod partikolari, il-qasam tal-prodotti friski, bħala inċentiv, il-Mawritanja tagħti, lill-operaturi Komunitarji li jħottu f'portijiet tal-Mawritanja (b'mod partikolari għal skopijiet ta' bejgħ lill-industrija lokali, ta' valorizzazzjoni fil-Mawritanja permezz ta' dawn l-operaturi jew ta' trasportazzjoni bl-art tal-qabdiet li jsiru fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja) tnaqqis tas-somma totali tal-kontribuzzjonijiet, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I ta' dan il-Protokoll u r-regolamenti tal-Mawritanja f'dan il-qasam.

*Artikolu 9*
*Nuqqas ta' qbil – Sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll*

1. Kull nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet kemm fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu, kif ukoll fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni bejn il-Partijiet fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta prevista fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, u jekk ikun hemm il-ħtieġa, għandha ssejjaħ laqgħa straordinarja.

2. L-applikazzjoni tal-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet meta n-nuqqas ta' ftehim bejn iż-żewġ Partijiet ikun meqjus bħala wieħed serju u l-konsultazzjonijiet li jkunu saru fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta skond l-ewwel paragrafu aktar 'il fuq ma wasslu għal ebda soluzzjoni bonarja.

3. Is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll hija soġġetta għal avviż mill-Parti kkonċernata ta' l-intenzjoni tagħha, bil-miktub u mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data meta din is-sospensjoni tidħol fis-seħħ.

4. B'deroga għall-proċedura ta' sospenzjoni prevista fil-paragrafi 1, 2 u 3 aktar 'il-fuq, il-Komunità tirriseva d-dritt li tissospendi b'mod immedjat l-applikazzjoni tal-Protokoll fil-każ ta' nuqqas ta' rispett mill-Mawritanja ta' impenji meħuda rigward l-implimentazzjoni tal-Politika Settorjali għas-sajd tagħha. Din is-sospensjoni tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lill-awtoritajiet tal-Mawritanja.

5. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet għandhom ikomplu bil-konsultazzjonijiet sabiex isibu soluzzjoni bonarja għad-diverġenzi ta' bejniethom. Meta tali riżoluzzjoni tinkiseb, il-Protokoll jerġa' jibda japplika mill-ġdid u s-somma tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata* temporis skond it-tul ta' żmien li fih l-applikazzjoni tal-Protokoll kienet sospiża.

*Artikolu 10*
*Sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll minħabba nuqqas ta' ħlas*

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, f'każ li l-Komunità Ewropea tonqos li tgħaddi l-ħlasijiet provduti fl-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) Il-Ministeru għandu jibgħat avviż lill-Kummissjoni Ewropea li jindika n-nuqqas ta' ħlas. Il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq il-verifiki meħtieġa u, jekk ikun il-każ, tgħaddi għall-ħlas fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-avviż.

b) Fin-nuqqas ta' ħlas jew ġustifikazzjoni xierqa għan-nuqqas ta' ħlas fiż-żmien stipulat fil-paragrafu a) hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja jkollhom id-dritt li jissospendu l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea f'dan ir-rigward minnufih.

c) Dan il-Protokoll jibda japplika mill-ġdid meta jsir il-ħlas ikkonċernat.

*Artikolu 11*
*Dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali applikabbli*

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jinstabu fil-Ftehim, l-attivitajiet tal-bastimenti li joperaw skond dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu, b'mod partikolari l-ħatt l-art, it-trażbord, l-użu tas-servizzi tal-portijiet, ix-xiri tal-provvisti u kull attività oħra, huma regolati mill-leġiżlazzjoni u r-regolamenti applikabbli fil-Mawritanja.

*Artikolu 12*
*Tul*

Dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu japplikaw għal żmien ta' erba' snin li jibdew mill-1 ta' Awissu 2008, sakemm ma jiġux itterminati skond l-Artikolu 13.

*Artikolu 13*
*Terminazzjoni*

1. Fil-każ ta' terminazzjoni tal-Protokoll, il-Parti interessata tavża bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemm il-Protokoll talanqas sitt xhur qabel id-data li fiha dan it-tmiem iseħħ.

2. Meta tintbagħat in-notifika msemmija fil-paragrafu preċedenti, għandhom jinfetħu l-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

*Artikolu 14*
*Dħul fis-seħħ*

1. Dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

2. Huma applikabbli mill-1 ta' Awissu 2008 minflok il-Protokoll u l-Annessi tiegħu li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Lulju 2008.

**Tabella ta’ l-opportunitajiet tas-sajd**

| Tip ta’ sajd | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | KRUSTAĊJI | | | SAJD DEMERSALI | | | ĊEFALOPODI | SAJD PELAĠIKU | | | |
| | Kategorija 1 Krustaċji minbarra l-awwista u l-granċ | Kategorija 10 Granċijiet | Kategorija 6 Awwisti | Kategorija 2 Bastimenti bit-tkarkir u nti tas-sajd ijiet għall-zz iswed | Kategorija 3 Demersali oħra li mhux il-marlozz iswed, sajd b’irkaptu li mhuwiex marbut mat-tkarkir | Kategorija 4 Bastimenti demersali tas-sajd bit-tkarkir minbarra l-marlozz l-iswed | Kategorija 5 Ċefalopodi | Kategorija 7 enti tas-sajd t bit-tartarun | Kategorija 8 nti għas-sajd u x-xlief u ba d bil-konzijiet | Kategorija 9 Bastimenti bil-friża Pelaġiċi (1) | Kategorija 11 Bastiment tas-sajd: pelaġiku bil-friżi (1) |
| TG massimu: kull perjodu ta’ liċenzji | 9 570 TG | 300 TG | 300 TG | 3 240 TG | 1 162 TG | 375 TG | 13 950 nent | 22 bastimen | 22 bastiment | 17-il liċenzja | 15 000 TG fix-xahar bħala medja annwali |

(1) L-opportunitajiet tas-sajd mhux utilizzati fil-kategorija 11 jistgħu jintużaw fil-kategorija 9 b’limitu massimu ta’ 20 liċenzja fix-xahar.

**KATEGORIJA TA' SAJD 1: BASTIMENTI TAS-SAJD GĦAL KRUSTAĊJI ĦLIEF L-AWWISTA U L-GRANĊ**

| **1. Żona tas-sajd** | | | |
|---|---|---|---|
| i) fit-tramuntana tal-latitudni 19°21,00 N, man-naħa ta' barra taż-żona mmarkata mill-punti li ġejjin: | | | |
| 20°46,30 | N | 17°03,00 | W |
| 20°40,00 | N | 17°07,50 | W |
| 20°05,00 | N | 17°07,50 | W |
| 19°35,50 | N | 16°47,00 | W |
| 19°28,00 | N | 16°45,00 | W |
| 19°21,00 | N | 16°45,00 | W |
| ii) fin-nofsinhar tal-latitudni 19°21,00 N, fil-punent tal-linja tas-6 mili, (ara r-referenza tal-koordinati fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II). | | | |
| Meta jiġi adottat il-pjan tal-ġestjoni tal-gambli, it-tqassim taż-żoni preżenti jista' jiġi rivedut bi qbil komuni bejn il-Partijiet. | | | |

| **2. Irkaptu awtorizzat** |
|---|
| Irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ għall-gambli u rkaptu ieħor selettiv |
| Iż-żewġ Partijiet għandhom iwettqu provi tekniċi sabiex jiddefinixxu sistemi ta' għażla u b'mod partikolari: (i) malji selettivi għall-għeżula tat-tkarkir, (ii) l-irkaptu selettiv minbarra l-għażel tat-tkarkir. L-implimentazzjoni ta' dan l-irkaptu selettiv għandha ssir qabel 31/12/2009, wara evalwazzjoni xjentifika, teknika u ekonomika tar-riżultati ta' dawn il-provi. |
| L-iruppjar tal-manka tax-xibka tat-tkarkir mhux permess. L-iruppjar tal-ħbula tal-manka tax-xibka tat-tkarkir mhux permess. Is-sottovesti ta' protezzjoni huma awtorizzati, f'konformità ma' l-Artikolu 24 tal-kodiċi tas-sajd tal-Mawritanja. |

| **3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat** |
|---|
| 50 mm |

| **4. Serħan bijoloġiku** |
|---|
| Żewġ (2) perjodi ta' xahrejn (2): Mejju-Ġunju u Settembru - Ottubru |
| Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta' dan il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, kif ukoll l-iffissar ta' żoni ta' għeluq spazjo-temporali għall-ħarsien taż-żoni tar-riproduzzjoni u ta' konċentrazzjoni tal-ħut żgħir. |

| **5. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi** |
|---|
| F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta' l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta' l-Anness I għad-daqsijiet minimi. |
| Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat. |

**6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi**

| | | | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji | | | 9 570 TG | 9 570 TG | 9 570 TG | 9 570 TG |
| Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena | | | 291 | 303 | 315 | 315 |

| **7. Kummenti:** |
|---|
| It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta' erba' snin ta' applikazzjoni tal-Protokoll. |
| Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I. |

**KATEGORIJA TA' SAJD 2: BASTIMENTI TAS-SAJD BIT-TKARKIR (1) U BASTIMENTI TAS-SAJD BIL-KONZIJIET TAL-QIEGĦ TAS-SAJD GĦALL-MARLOZZ ISWED**

**1. Żona tas-sajd**

**1.1** Fit-Tramuntana tal-latitudni 19°15'60N, fil-punent tal-linja li tgħaqqad il-punti il ġejjin:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| i) | 20°46,30 | N | 17°03,00 | W |
| | 20°36,00 | N | 17°11,00 | W |
| | 20°36,00 | N | 17°36,00 | W |
| | 20°03,00 | N | 17°36,00 | W |
| | 19°45,70 | N | 17°03,00 | W |
| | 19°29,00 | N | 16°51,50 | W |
| | 19°15,60 | N | 16°51,50 | W |
| | 19°15,60 | N | 16°49,60 | W |

ii) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°15,60N, sal-latitudni 17°50,00N, lejn il-Punent tal-linja ta' 18-il mil li l-koordinati tagħha huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

iii) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17°50,00 N, lejn il-Punent tal-linja ta' 12-il mil li l-koordinati tagħha huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

**1.2** It-tqassim taż-żoni matul il-waqfiet bijoloġiċi tas-sajd għaċ-ċefalopodi huwa kif ġej:

i) Bejn il-Kap l-Abjad u l-Kap Timiris, iż-żona ta' l-esklużjoni hija definita mill-punti li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20°46,00 | N | 17°03,00 | W |
| 20°46,00 | N | 17°47,00 | W |
| 20°03,00 | N | 17°47,00 | W |
| 19°47,00 | N | 17°14,00 | W |
| 19°21,00 | N | 16°55,00 | W |
| 19°15,60 | N | 16°51,50 | W |
| 19°15,60 | N | 16°49,60 | W |

ii) Fin-Nofsinhar tal-Kap Timiris (fin-nofsinhar tal-latitudni 19°15,60N), sa Nouakchott (17°50,00N), iż-żona ta' esklużjoni hija l-linja ta' 18-il mil li l-koordinati tagħha huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

ii) Fin-Nofsinhar ta' Nouakchott (fin-nofsinhar tal-latitudni 17°50,00N,), iż-żona ta' esklużjoni hija l-linja ta' 12-il mil li l-koordinati tagħha huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

**2. irkaptu awtorizzat**

- bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ
- irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ għall-marlozz

L-irduppjar tal-manka tax-xibka tat-tkarkir mhux permess.

L-irduppjar tal-ħbula tal-manka tax-xibka tat-tkarkir mhux permess.

**3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat**

70 mm għax-xibka tat-tkarkir

**4. Serħan bijoloġiku**

Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta u abbażi ta' l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u miftiehma mill-Kumitat xjentifiku konġunt dwar il-perjodu l-aktar adattat għall-waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi.

**5. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi**

F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta' l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta' l-Anness I għad-daqsijiet minimi.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

**6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:**

| | | | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji | | | 3 240 TG | 3 240 TG | 3 240 TG | 3 240 TG |
| Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena | | | 148 | 153 | 159 | 159 |

| 7. Kummenti: |
| --- |
| It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta’ erba’ snin ta’ applikazzjoni tal-Protokoll.<br>Din il-kategorija teskludi l-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir bil-friża.<br>Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I. |

**KATEGORIJA TA' SAJD 3: BASTIMENTI TAS-SAJD GĦALL-ISPEĊIJIET DEMERSALI MINBARRA L-MARLOZZ L-ISWED B'IRKAPTU IEĦOR LI MHUX GĦAT-TKARKIR**

**1. Żona tas-sajd**

**1.1** i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19°48,50N, minn 3 mili, imkejla mil-linja ta' bażi bejn il-Kap l-Abjad-Kap Timiris

ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19°48,50 N u sal-latitudni 19°21,00N, fil-punent tal-longitudni 16°45,00W

iii) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°21,00N, minn 3 mili li l-koordinati tagħhom huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

**1.2** It-tqassim taż-żoni matul il-waqfiet bijoloġiċi tas-sajd għaċ-ċefalopodi huwa kif ġej:

i) Bejn il-Kap l-Abjad u l-Kap Timiris:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20°46,00 | N | 17°03,00 | W |
| 20°46,00 | N | 17°47,00 | W |
| 20°03,00 | N | 17°47,00 | W |
| 19°47,00 | N | 17°14,00 | W |
| 19°21,00 | N | 16°55,00 | W |
| 19°15,60 | N | 16°51,50 | W |
| 19°15,60 | N | 16°49,60 | W |

ii) Fin-Nofsinhar tal-Kap Timiris (fin-nofsinhar tal-latitudni 19°15,60N), sa Nouakchott (17°50,00N), iż-żona ta' esklużjoni hija l-linja ta' 3 mili li l-koordinati tagħha huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

iii) Fin-Nofsinhar ta' Nouakchott (fin-nofsinhar tal-latitudni 17°50,00N,), iż-żona ta' esklużjoni hija l-linja ta' 3 mili li l-koordinati tagħha huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

**2. Irkaptu awtorizzat**

– konzijiet;

– xibka b'malja fissa li l-karatteristiċi tagħha huma waqgħa massima ta' 7m u tul massimu ta' 100m. Ix-xbieki b'malja magħmula minn ħabel wieħed tal- poliamide mhux permessi, skond il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

– xlief ta' l-idejn;

– nases;

– tartarun għas-sajd tal-lixka.

**3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat**

120 mm għax-xbieki mmaljati

20 mm għal xibka għas-sajd bil-lixka ħajja;

**4. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi**

F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta' l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta' l-Anness I għad-daqsijiet minimi.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

**5. Tunnellaġġ awtorizzat**

| | | | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji | | | 1162 TG | 1162 TG | 1162 TG | 1162 TG |
| Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena | | | 254 | 264 | 274 | 274 |

**6. Kummenti:**

It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta' erba' snin ta' applikazzjoni tal-Protokoll.

Meta ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja għandha ssir notifikazzjoni ta' x'tip ta' rkaptu tas-sajd ikun se jintuża.

It-tartarun mhux se jintuża ħlief għas-sajd tal-lixka li ser jintuża għas-sajd bix-xlief jew bin-nases.

L-użu tan-nassa huwa awtorizzat għal massimu ta' 7 bastimenti ta' tunnellaġġ individwali inferjuri għal 135 TG

| |
|---|
| Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I. |
| Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta u abbażi ta' l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u miftiehma mill-Kumitat xjentifiku konġunt dwar il-perjodu l-aktar adattat għall-waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi. |

**KATEGORIJA TA' SAJD 4: BASTIMENTI TAS-SAJD BIT-TKARKIR U BIL-FRIŻA LI JISTADU GĦALL-ISPEĊIJIET DEMERSALI**

**1. Żona tas-sajd:**

**1.1 (i)** Fit-tramuntana tal-latitudni 19°15,60 N, fil-punent tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20°46,30 | N | 17°03,00 | W |
| 20°36,00 | N | 17°11,00 | W |
| 20°36,00 | N | 17°36,00 | W |
| 20°03,00 | N | 17°36,00 | W |
| 19°45,70 | N | 17°03,00 | W |
| 19°29,00 | N | 16°51,50 | W |
| 19°15,60 | N | 16°51,50 | W |
| 19°15,60 | N | 16°49,60 | W |

(ii) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°15,60 N, sal-latitudni 17°50,00 N, lejn il-Punent tal-linja ta' 18-il mil li l-koordinati tagħha huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

(iii) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17°50,00 N, lejn il-Punent tal-linja ta' 12-il mil li l-koordinati tagħha huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

**2. Irkaptu awtorizzat:**

– Xibka għat-tkarkir;

L-irduppjar tal-manka tax-xibka tat-tkarkir mhux permess.

L-irduppjar tal-ħbula tal-manka tax-xibka tat-tkarkir mhux permess.

**3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat**

70 mm

**4. Serħan bijoloġiku**

Żewġ (2) perjodi ta' xahrejn (2): Mejju-Ġunju u Settembru - Ottubru

Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta' dan il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, kif ukoll l-iffissar ta' żoni ta' għeluq spazjo-temporali għall-ħarsien taż-żoni tar-riproduzzjoni u ta' konċentrazzjoni tal-ħut żgħir.

**5. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi**

F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta' l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta' l-Anness I għad-daqsijiet minimi.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

**6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:**

| | | | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji | | | 375 TG | 375 TG | 375 TG | 375 TG |
| Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena | | | 156 | 163 | 169 | 169 |

**7. Kummenti:**

It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta' erba' snin ta' applikazzjoni tal-Protokoll.

| |
|---|
| Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I |

**KATEGORIJA TA' SAJD 5: ĊEFALOPODI**

**1. Żona tas-sajd:**

Fit-tramuntana tal-latitudni 19°15,60 N, ’il barra ż-żona mmarkata mill-punti li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20°46,30 | N | 17°03,00 | W |
| 20°40,00 | N | 17°07,50 | W |
| 19°57,00 | N | 17°07,50 | W |
| 19°28,20 | N | 16°48,00 | W |
| 19°18,50 | N | 16°48,00 | W |
| 19°18,50 | N | 16°40,50 | W |
| 19°15,60 | N | 16°38,00 | W |

Fin-nofsinhar tal-latitudni 19°15,60 N u sal-latitudni 17°50,00 N, fil-punent ta’ 9 mili mkejla mil-linja ta’ 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta’ l-Anness II.

Fin-nofsinhar tal-latitudni 17°50,00 N, fil-punent ta’ 6 mili mkejla mil-linja ta’ 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta’ l-Anness II.

**2. Irkaptu awtorizzat:**

Tkarkir tal-qiegħ

L-iruppjar tal-manka tax-xibka tat-tkarkir mhux permess.

L-iruppjar tal-ħbula tal-manka tax-xibka tat-tkarkir mhux permess.

**3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat**

70 mm

**4. Serħan bijoloġiku**

Żewġ (2) perjodi ta’ xahrejn (2): Mejju-Ġunju u Settembru - Ottubru

Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta, abbażi ta’ l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta’ dawn il-perjodi ta’ waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, kif ukoll l-iffissar taż-żoni ta’ għeluq spazjo-temporali għall-ħarsien taż-żoni ta’ riproduzzjoni u ta’ konċentrazzjoni tal-ħut żgħir.

**5. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi**

F’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta’ l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta’ l-Anness I għad-daqsijiet minimi.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

**6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:**

| | | | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta’ liċenzji | | | 13950 TG | 13950 TG | 13950 TG | 13950 TG |
| Tariffi f’EUR għal kull TG fis-sena | | | 349 | 363 | 377 | 377 |

**7. Kummenti:**

It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta’ erba’ snin ta’ applikazzjoni tal-Protokoll.

Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I.

**KATEGORIJA TA' SAJD 6: AWWISTI**

| **1. Żona tas-sajd:** |
|---|
| 1.1 Fit-tramuntana tal-latitudni 19°21,00 N: 20 mil, meqjusa mil-linja tal-bażi tal-Kap l-Abjad-Kap Timiris<br><br>1.2 fin-nofsinhar ta’ 19°21,00 N: 15-il mil, li l-koordinati tagħhom huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II. |
| **2. Irkaptu awtorizzat:** |
| Nassa ta’ l-awwist |
| **3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat** |
| Malja tax-xibka ta’ 60 mm; . |
| **4. Serħan bijoloġiku** |
| Żewġ (2) perjodi ta’ xahrejn (2): Mejju-Ġunju u Settembru - Ottubru<br><br>Iż-żewġ Partijiet ikunu jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta’ dawn il-perjodi ta’ waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi. |
| **5. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi** |
| F’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta’ l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta’ l-Anness I għad-daqsijiet minimi.<br>Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat. |

**6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:**

| | | | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta’ liċenzji | | | 300 TG | 300TG | 300 TG | 300 TG |
| Tariffi f’EUR għal kull TG fis-sena | | | 283 | 294 | 305 | 305 |

| **7. Kummenti:** |
|---|
| It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta’ erba’ snin ta’ applikazzjoni tal-Protokoll.<br><br>Il-ħatt l-art huwa mħeġġeġ skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I |

**KATEGORIJA TA' SAJD 7: BASTIMENTI BIL-FRIŻA LI JISTADU GĦAT-TONN BIT-TARTARUN**

| **1. Żona tas-sajd:** |
|---|
| 1.1 Fit-tramuntana tal-latitudni 19°21,00 N: 30 mil, meqjusa mil-linja tal-bażi bejn il-Kap l-Abjad-Kap Timiris;<br><br>1.2 fin-nofsinhar ta’ 19°21,00 N: 30 mil, li l-koordinati tagħhom huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II. |
| **2. Irkaptu awtorizzat:** |
| Tartarun |
| **3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat** |
| Standards rakkomandati mill-ICCAT. |
| **4. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi** |
| F’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta’ l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta’ l-Anness I għad-daqsijiet minimi.<br>Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat. |

| **5. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Tariffa għal kull tunnellata maqbuda | 35 € | | | | |
| Numru ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd | 22 | | | | |
| Ħlas bil-quddiem f’EUR għal kull bastiment fis-sena | 1750 € | | | | |

| **6. Kummenti:** |
|---|
| It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta’ erba’ snin ta’ applikazzjoni tal-Protokoll.<br><br>Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I |

**KATEGORIJA TA' SAJD 8: BASTIMENTI LI JISTADU GĦAT-TONN BIL-QASAB U X-XLIEF U BASTIMENTI TAS-SAJD BIL-KONZIJIET TAL-WIĊĊ**

**1. Żona tas-sajd:**

Għall-bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ, japplika l-istess tqassim f'żoni bħal dak għal bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun tal-kategorija 7

Għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bil-qasab u x-xlief, japplika dan it-tqassim f'żoni:

1.1 fit-tramuntana ta' 19°21,00N: 15-il mil, meqjusa mil-linja tal-bażi bejn il-Kap l-Abjad-Kap Timiris;

1.2 fin-nofsinhar ta' 19°21,00 N: 12-il mil, li l-koordinati tagħhom huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II.

Żona tas-sajd awtorizzata għas-sajd bil-lixka ħajja:

- Fit-tramuntana tal-latitudni 19°48,50N, minn 3 mili, meqjusa mil-linja ta' bażi bejn il-Kap l-Abjad-Kap Timiris

- Fin-nofsinhar tal-latitudni 19°48,50 N u sal-latitudni 19°21,00 N, fil-punent tal-longitudni 16°45,00W

- Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°21,00 N, minn 3 mili li l-koordinati tagħhom huma kkalkulati fuq il-bażi tal-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

**2. Irkaptu awtorizzat:**

Qasba u konz tal-wiċċ.

**3. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi**

F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta' l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta' l-Anness I għad-daqsijiet minimi.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

**4. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd | 22 | | | | |
| Bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief – tariffa għal kull tonn maqbud | EUR 25 | | | | |
| Bastimenti tas-sajd bil-konzijiet – tariffa għal kull tonn maqbud | EUR 35 | | | | |
| Ħlas bil-quddiem f'EUR għal kull bastiment fis-sena | EUR 2 500 għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief<br>EUR 3 500 għall-bastimenti tas-sajd bil-konzijiet | | | | |

**5. Kummenti:**

It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta' erba' snin ta' applikazzjoni tal-Protokoll.

(1) Daqs minimu tal-malji awtorizzat għas-sajd bil-lixka ħajja: 16-il mm. L-attività tas-sajd bil-lixka għandha tkun limitata għan-numru ta' ġranet fix-xahar li jiġi definit mill-Kummissjoni Konġunta. Il-bidu u t-tmiem ta' dawn l-attivitajiet għandhom jiġu kkomunikati lis-Sorveljanza.

(2) Fir-rigward tar-rakkomandazzonijiet ta' l-ICCAT u tal-FAO f'dan il-qasam, is-sajd għall-gabdoll (*Cetorhinus maximus*), il-kelb abjad (*Carcharodon carcharias*), it-tawru (Carcharias taurus) u t-tope shark (Galeorhinus galeus) mhux permess.

(3) Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet 04-10 u 05-05 ta' l-ICCAT li jikkonċernaw il-ħarsien tal-klieb il-baħar maqbuda flimkien maż-żoni tas-sajd immexxija mill-ICCAT.

(4) Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I

(5) Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu biex jiddeterminaw it-termini prattiċi sabiex ikun permess is-sajd jew il-ġbir ta' l-lixka ħajja neċessarju għall-attivitajiet ta' dawn il-bastimenti ta' din il-kategorija. F'każ fejn dawn l-attivitajiet jitwettqu f'żoni sensittivi jew bi strumenti mhux konvenzjonali, dawn it-termini għandhom jiġu ffissati fuq bażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-IMROP u bi ftehim mas-Sorveljanza.

**KATEGORIJA TA' SAJD 9: BASTIMENTI TAS-SAJD BIT-TKARKIR BIL-FRIŻA TAS-SAJD PELAĠIKU**

**1. Żona tas-sajd:**

(i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19°21,00 N: ’il barra miż-żona mmarkata mill-punti li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20°46,30 | N | 17°03,00 | W |
| 20°36,00 | N | 17°11,00 | W |
| 20°36,00 | N | 17°24,10 | W |
| 19°57,00 | N | 17°24,10 | W |
| 19°45,70 | N | 17°03,00 | W |
| 19°29,00 | N | 16°51,50 | W |
| 19°21,00 | N | 16°45,00 | W |

(ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19°21,00N sal-latitudni 17°50,00 N, 13-il mil imkejla mil-linja ta’ 6 mili.

li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta’ l-Anness II

(iii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 17°50,00 N, sal-latitudni 16°04,00 N, 12-il mil imkejla mil-linja ta’ 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta’ l-Anness II.

**2. Irkaptu awtorizzat:**

Tkarkir pelaġiku

Il-manka tax-xibka tat-tkarkir pelaġiku jew semi pelaġiku jista’ jissaħħaħ minn xibka b’daqs minimu tal-malji stirati ta’ 400 mm u minn anelli tal-ħabel spazjati talanqas metru u nofs (1.5m) minn xulxin, minbarra l-anella li tinsab fuq in-naħa ta’ wara tax-xibka tat-tkarkir li ma tistax titpoġġa anqas minn 2 metri mill-fetħa tal-manka. Ir-rinforzar jew l-irduppjar tal-manka għal kull irkaptu ieħor mhux permess, u t-tkarkir fl-ebda każ m’għandu jimmira għal speċijiet oħra ħlief il-pelaġiċi żgħar awtorizzati.

**3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat**

40 mm

**4. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi**

F’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta’ l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta’ l-Anness I għad-daqsijiet minimi.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

Ara l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 7 ta’ l-Anness I għall-fatturi ta’ konverżjoni għall-ħut pelaġiku żgħir.

**5. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:**

Numru ta’ bastimenti awtorizzati li jistadu fl-istess ħin 17

| Tariffi f’EUR għal kull TG fix-xahar | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|
| Bastimenti li t-tunnellaġġ tagħhom (TG) u anqas minn jew ta’ 5 000 TG | 8,2 | 8,3 | 8,4 | 8,5 |
| Bastimenti li t-tunnellaġġ tagħhom (TG) huwa ta’ 5 000 TG imma anqas minn 7 000 TG | 7, 2 | 7,3 | 7,4 | 7,5 |
| Bastimenti li t-tunnellaġġ tagħhom (TG) huwa ta’ 7 000 TG imma anqas minn 9 500 TG | 6,2 | 6,3 | 6,4 | 6,5 |

It-total tal-qabdiet awtorizzati għall-flotta tal-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir u bil-friża taħt is-sistema ta’ liċenzji t’hawn fuq hija llimitata għal 250 000 tunnelata fis-sena, imma bil-possibbiltà li din il-kwota tinqabeż abbażi tad-dispożizzjonijiet ipprovduti fil-Protokoll u l-Annessi tiegħu..

| 6. Kummenti: |
| --- |
| L-opportunitajiet tas-sajd mhux utilizzati fil-kategorija 11 jistgħu jintużaw fil-kategorija 9 b'limitu massimu ta' 20 liċenzja fix-xahar.<br><br>It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta' erba' snin ta' applikazzjoni tal-Protokoll. |
| Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I |

**KATEGORIJA TA' SAJD 10: SAJD GĦALL-GRANĊ**

**1. Żona tas-sajd**

i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19°15,6 N, fil-punent tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20°46,30 | N | 17°03,00 | W |
| 20°36,00 | N | 17°11,00 | W |
| 20°36,00 | N | 17°36,00 | W |
| 20°03,00 | N | 17°36,00 | W |
| 19°45,70 | N | 17°03,00 | W |
| 19°29,00 | N | 16°51,50 | W |
| 19°15,60 | N | 16°51,50 | W |
| 19°15,60 | N | 16°49,60 | W |

ii) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°15,60N, sal-latitudni 17°50,00 N, lejn il-Punent tal-linja ta’ 18-il mil imkejla mil-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

iii) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17°50 N, lejn il-Punent tal-linja ta’ 12-il mil imkejla mil-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II

**2. Irkaptu awtorizzat:**

Nassa għall-granċ

**3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat**

Malja tax-xibka ta’ 60 mm; .

**4. Serħan bijoloġiku**

Żewġ (2) perjodi ta’ xahrejn (2): Mejju-Ġunju u Settembru - Ottubru

Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta, abbażi ta’ l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta’ dawn il-perjodi ta’ waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, kif ukoll l-iffissar taż-żoni ta’ għeluq spazjo-temporali għall-ħarsien taż-żoni ta’ riproduzzjoni u ta’ konċentrazzjoni tal-ħut żgħir.

**5. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi**

F’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta’ l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta’ l-Anness I għad-daqsijiet minimi.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

**6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:**

| | | | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta’ liċenzji | | | 300TG | 300TG | 300GTG | 300TG |
| Tariffi f’EUR għal kull TG fis-sena | | | 283 | 294 | 305 | 305 |

**7. Kummenti:**

It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta’ erba’ snin ta’ applikazzjoni tal-Protokoll.

Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet provduti fil-Protokoll u fl-Anness I

**KATEGORIJA TA' SAJD 11: BASTIMENTI TAS-SAJD PELAĠIKU FRISK**

**1. Żona tas-sajd:**

(i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19°21,00 N: 'il barra miż-żona mmarkata mill-punti li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20°46,30 | N | 17°03,00 | W |
| 20°36,00 | N | 17°11,00 | W |
| 20°36,00 | N | 17°24,10 | W |
| 19°57,00 | N | 17°24,10 | W |
| 19°45,70 | N | 17°03,00 | W |
| 19°29,00 | N | 16°51,50 | W |
| 19°21,00 | N | 16°45,00 | W |

(ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 17°50,00 N, sal-latitudni 16°04,00 N, 13-il mil imkejla mil-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II.

(iii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 17°50,00 N, sal-latitudni 16°04,00 N, 12-il mil imkejla mil-linja ta' 6 mili li l-koordinati tagħha jidhru fl-Appendiċi 6 ta' l-Anness II.

**2. Irkaptu awtorizzat:**

Tkarkir pelaġiku u *purse seine* tas-sajd industrijali

Il-manka tax-xibka tat-tkarkir pelaġiku jew semi pelaġiku jista' jissaħħaħ minn xibka b'daqs minimu tal-malji stirati ta' 400mm u minn anelli tal-ħabel spazjati talanqas metru u nofs (1.5m) minn xulxin, minbarra l-anella li tinsab fuq in-naħa ta' wara tax-xibka tat-tkarkir li ma tistax titpoġġa anqas minn 2 metri mill-fetħa tal-manka. Ir-rinforzar jew l-irduppjar tal-manka għal kull irkaptu ieħor mhux permess, u t-tkarkir fl-ebda każ m'għandu jimmira għal speċi oħra ħlief il-pelaġiċi żgħar awtorizzati.

**3. Daqs minimu tal-malji awtorizzat**

40 mm għall-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir u 20 mm għall-bastimenti li jistadu bit-tartarun

**4. Qabdiet inċidentali u daqsijiet minimi**

F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja, japplikaw il-Kapitolu VI u l-Appendiċi 5 ta' l-Anness I għall-qabdiet inċidentali u l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 6 ta' l-Anness I għad-daqsijiet minimi.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta biex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

Ara l-Kapitolu V punt 5 u l-Appendiċi 7 ta' l-Anness I għall-fatturi ta' konverżjoni għall-ħut pelaġiku żgħir.

**5. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi:**

Tunnellaġġ awtorizzat: 15 000 TG fix-xahar f'medja annwali, ekwivalenti għal 3 liċenzji fix-xahar għall-bastimenti bil-friża tas-sajd pelaġiku tal-kategorija 9.

L-għadd fix-xahar f'medja annwali jfisser li l-użu medju fix-xahar sad-data ta' l-għeluq ta' sena mill-Protokoll jikkorrispondi għaċ-ċifri murija hawn fuq, filwaqt li jkun permess it-trasferiment ta' l-opportunitajiet mhux utilizzati matul xahar għax-xahar ta' wara.

| | 2008/2009 | 2009/2010 | 2010/2011 | 2011/2012 |
|---|---|---|---|---|
| Tariffi f'EUR għal kull TG fix-xahar | 7,2 | 7,3 | 7,4 | 7,5 |

**6. Kummenti:**

L-opportunitajiet tas-sajd mhux utilizzati fil-kategorija 11 jistgħu jintużaw fil-kategorija 9 b'limitu massimu ta' 20 liċenzja fix-xahar.

| |
|---|
| It-tariffi huma stabbiliti għal perjodu ta' erba' snin ta' applikazzjoni tal-Protokoll.<br>Il-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd ta' pelaġiċi frisk mhumiex limitati.<br>Id-dispożizzjonijiet tranżitorji għat-tlugħ abbord tal-baħrin huma stipulati fl-Anness I (il-punt 6 tal-Kapitolu XV) |
| Il-ħatt l-art u t-trażbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness I |

## ANNESS 1

*KUNDIZZJONIJIET GĦAT-TWETTIEQ TA' L-ATTIVITÀ TAS-SAJD MILL-BASTIMENTI TAL-KOMUNITÀ FIŻ-ŻONI TAS-SAJD TAL-MAWRITANJA*

### KAPITOLU I

### Dokumentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni għal liċenzja

1. Kull meta ssir l-ewwel talba għal liċenzja għal kull bastiment, il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, għandha tissottometti formola ta' talba għal liċenzja lill-Ministeru, mimlija għal kull bastiment li qed jagħmel it-talba għal liċenzja skond il-mudell li jidher fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness. L-informazzjoni dwar l-isem tal-bastiment, it-tunnellaġġ tiegħu f'TG, in-numru tar-reġistrazzjoni esterna tiegħu, il-kodiċi tar-radju tiegħu, il-qawwa tal-magni tiegħu, it-tul totali tiegħu u l-port fejn huwa rreġistrat, huma konformi għal dawk inklużi fir-reġistru Komunitarju tal-bastimenti tas-sajd.

2. Meta ssir l-ewwel talba, is-sid tal-bastiment irid jinkludi flimkien mat-talba għal liċenzja tiegħu:

   – kopja ċċertifikata mill-Istat Membru taċ-ċertifikat internazzjonali tat-tunnellaġġ li jistabbilixxi t-tunnellaġġ tal-bastiment spjegat f'TG;

   – ritratt bil-kulur riċenti u ċertifikat mill-Awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li juri l-bastiment mill-ġenb fl-istat attwali tiegħu. Dan ir-ritratt ma għandux ikun izgħar minn 15 cm b'10 cm.

   – id-dokumenti meħtieġa għall-inklużjoni fir-Reġistru Nazzjonali tal-bastimenti tal-Mawritanja. Din ir-reġistrazzjoni hija bla ħlas. L-ispezzjoni prevista fil-kuntest tar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Nazzjonali tal-Bastimenti hija purament amministrattiva.

3. Kull meta jkun hemm modifika fit-tunnellaġġ ta' bastiment is-sid tal-bastiment konċernat ikun obbligat li jitrażmetti kopja ċċertifikata mill-Istat Membru taċ-ċertifikat tat-tunnellaġġ il-ġdid kif ukoll it-trażmissjoni tad-dokumenti li ġġustifikaw din il-modifika, b'mod partikolari il-kopja tat-talba ppreżentata mis-sid tal-bastiment lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, il-kunsens ta' dan l-awtoritajiet u l-analiżi tal-bidliet magħmula.

   Bl-istess mod, għandu jiġi ppreżentat ritratt ġdid iċċertifikat mill-Awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru, f'każ ta' bidliet fl-istruttura jew l-aspett esterjuri tal-bastiment.

4. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tas-sajd mhumiex ippreżentati ħlief għal bastimenti li għalihom ġew trażmessi d-dokumenti neċessarji skond il-punti 1, 2 u 3 t'hawn fuq.

### KAPITOLU II

### Dispożizzjonijiet applikabbli għat-talba, il-ħruġ u l-validità tal-liċenzji

1. Eliġibbiltà għas-sajd

1.1. Kull bastiment li jixtieq iwettaq attività ta' sajd fil-qafas ta' dan il-ftehim irid ikun eliġibbli għall-eżerċizzju tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja.

1.2. Sabiex bastiment ikun eliġibbli, is-sid, il-kaptan u l-bastiment innifsu ma għandhomx ikunu ipprojbiti mill-attivitajiet tas-sajd fil-Mawritanja. Dawn għandhom ikunu f'qagħda regolari fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tal-Mawritanja fis-sens li jkunu ssodisfaw l-obbligi kollha preċedenti relatati ma' l-attivitajiet ta' sajd tagħhom fil-Mawritanja.

2. Applikazzjonijiet għal liċenzji

2.1. Għal liċenzji applikabbli għall-bastimenti tas-sajd pelaġiku, il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, tissottometti l-applikazzjonijiet għal-liċenzji lill-Ministeru talanqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet ta' sajd, flimkien mad-dokumenti li jiġġustifikaw il-karatteristiċi tekniċi.

Għal kull tip ieħor ta' liċenzji, il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, tissottometti kull trimestru lill-Ministeru, il-listi tal-bastimenti għal kull kategorija ta' sajd, li japplikaw sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom ta' sajd fil-limiti ffissati fid-Dokumenti Tekniċi tal-Protokoll, mhux anqas minn xahar qabel id-data tal-bidu tal-validità tal-liċenzji mitluba. Dawn il-listi għandhom jinkludu magħhom provi tal-ħlas. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji li ma jiġux sottomessi fiż-żmien imsemmi hawn fuq ma jiġux milqugħa.

2.2. Dawn il-listi għandhom jindikaw, għal kull kategorija ta' sajd, in-numru ta' bastimenti kif ukoll il-karatteristiċi ta' kull bastiment, inkluż l-istrumenti tas-sajd hekk kif imsemmija fid-Dokument Komunitarju tal-bastimenti tas-sajd, it-total ta' ħlasijiet dovuti maqsuma skond il-kategorija u n-numru ta' baħrin mill-Mawritanja.

2.3. Dokument li jinkludi l-informazzjoni kollha neċessarja għall-għoti tal-liċenzji tas-sajd, inkluż il-modifiki eventwali ta' l-informazzjoni tal-bastiment, għandu jiġi wkoll mehmuż mat-talba għal liċenzja f'format kompatibbli mas-softwer utilizzat mill-Ministeru.

2.4. L-applikazzjonijiet għal liċenzji m'humiex permessi ħlief għall-bastimenti eliġibbli u li jkunu kkompletaw il-formalitajiet kollha previsti fil-punti 2.1, 2.2 u 2.3 t'hawn fuq.

2.5 Il-bastimenti li jibbenefikaw mil-liċenzji tas-sajd fil-pajjiżi tas-sottoreġjun jistgħu jsemmu fuq it-talba għal liċenzja, il-pajjiż, l-ispeċi(jiet) u t-tul tal-validità tal-liċenzji tagħhom bil-ħsieb li jiġu faċilitati d-diversi dħul u ħruġ tagħhom fiż-żona tas-sajd.

2.6. Id-dejta personali kollha trażmessa fil-kuntest l-applikazzjonijiet għal-liċenzji – u b'mod aktar ġenerali ta' dan il-ftehim – jistgħu jiġu utilizzati biss fil-qafas ta' dan il-ftehim.

3. Il-Ħruġ tal-liċenzji

3.1. Il-Ministeru jagħti l-liċenzji tal-bastimenti, wara li r-rappreżentant tas-sid ikun ippreżenta l-provi tal-ħlas għal kull bastiment (irċevuti stabbiliti mill-Ministeru tat-

Teżor tal-Mawritanja), hekk kif speċifikati fil-Kapitolu IV, talanqas 10 ijiem qabel il-bidu tal-validità tal-liċenzji. Dan iż-żmien huwa mnaqqas għal ħamest ijiem fil-każ ta' bastimenti pelaġiċi. Il-liċenzji huma disponibbli mingħand is-servizzi tal-Ministeru f'Nouadhibou jew f'Nouakchott.

3.2. Il-liċenzji jsemmu wkoll, it-tul tal-validità, il-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment, in-numru tal-baħrin mill-Mawritanja u r-referenzi tal-ħlasijiet kif ukoll il-kundizzjonijiet relattivi għall-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' sajd hekk kif previsti fid-Dokumenti Tekniċi xierqa.

3.3. Il-liċenzji tas-sajd jingħataw biss lill-bastimenti li jkunu wettqu l-fomalitajiet kollha neċessarji għall-għotja tal-liċenzji. Il-bastimenti li jirċievu liċenzja ser jitniżżlu fuq il-lista tal-bastimenti awtorizzati li jistadu li għandha tiġi trażmessa fl-istess ħin lis-Sorveljanza u lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

3.4 L-applikazzjonijiet għal-liċenzji li ma jingħatawx mill-Ministeru għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni. Jekk ikun il-każ, il-Ministeru jagħti kreditu fuq il-ħlasijiet eventwali li jikkonċernawhom, wara li jkun ingħata l-bilanċ eventwali tal-multi li jkunu għadhom dovuti.

3.5 Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu li jippromwovu d-dħul ta' sistema ta' liċenzja elettronika.

4. Validità u użu tal-liċenzji

4.1. Il-liċenzja hija valida biss għall-perjodu kopert mill-ħlas tat-tariffa fil-kundizzjonijiet definiti fid-Dokument Tekniku u ppreċiżati fuq il-liċenzja msemmija.

Il-liċenzji jingħataw għal perjodi ta' 3 jew 6 xhur, inkella 12-il xahar. Jistgħu jiġġeddu.

Għall-bastimenti pelaġiċi (il-kategoriji 9 u 11), il-liċenzji jistgħu jkunu ta' kull xahar. Huma jindikaw għall-bastimenti tas-sajd pelaġiku bit-tkarkir (tal-kategorija 9 biss) il-kwota prevista, fuq bażi indikattiva, għall-perjodu tal-liċenzja. Il-kwota li ma tinqabadx fil-perjodu previst mil-liċenzja tista' tiġi trasferita għal-liċenzja l-ġdida għall-istess bastiment, jew trasferita għal bastiment ieħor ta' l-istess kategorija.

Biex tkun determinata l-validità tal-liċenzji, issir referenza għall-perjodi annwali definiti kif ġej:

l-ewwel perjodu: mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008

it-tieni perjodu: mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009

it-tielet perjodu: mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010

ir-raba' perjodu: mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011

il-ħames perjodu: mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Lulju 2012

L-ebda liċenzja ma tista' tinbeda matul perjodu annwali u tispiċċa matul il-perjodu annwali ta' wara.

4.2. Kull liċenzja tas-sajd tinħareġ f'isem bastiment speċifiku u mhijiex trasferibbli. Madankollu, f'każ ta' forza maġġuri ikkonfermat kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru, u fuq talba tal-Kummissjoni, il-liċenzja ta' bastiment tista' tinbidel, malajr kemm jista' jkun, ma' liċenzja oħra għal bastiment ieħor ta' l-istess kategorija ta' sajd mingħajr ma jinqabeż it-tunnellaġġ awtorizzat għal dan.

4.3. Il-liċenzja li trid tinidel tingħata lura mill-intermedjarju tal-Kummissjoni permezz tad-Delegazzjoni, lill-Ministeru li joħroġ il-liċenzja l-ġdida.

4.4. L-aġġustamenti komplementari għas-somom imħallsa li jkunu neċessarji f'każ ta' sostituzzjoni tal-liċenzja, isiru qabel ma tingħata l-liċenzja tas-sostituzzjoni.

4.5. Il-liċenzja trid tinżamm fi kwalunkwe ħin abbord tal-bastiment li jibbenefika minnha, u din għandha tiġi ppreżentata, f'każ ta' xi kontroll, lill-awtoritajiet awtorizzati għal dan.

## KAPITOLU III

## Tariffi

1. It-tariffi huma kkalkolati għal kull bastiment abbażi tal-limiti li ta' kull sena huma ffissati fid-dokumenti tekniċi tal-Protokoll. Fil-każ ta' liċenzji trimestrali jew semestrali, u bl-eċċezzjoni tal-bastimenti tas-sajd pelaġiku, it-tariffi jiġu kkalkulati *pro rata temporis* u miżjuda bi 3% jew 2% rispettivament biex ikopru l-ispejjeż rikorrenti għall-ħruġ tal-liċenzji. It-totali tat-tariffi jinkludu kull dritt jew taxxa oħra relattivi għalihom, ħlief it-taxxa parafiskali[5], xi taxxi tal-portijiet jew għal għotja ta' servizzi. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, għandha ssir allokazzjoni mill-baġit għall-iffinanzjar ta' l-entità marbuta b'ġurament u indipendenti ta' osservaturi xjentifiċi u tal-kontrolluri fil-Liġi tal-Finanzi, u ser tissostitwixxi l-ħlas maqsum kif previst fil-Protokoll preċedenti.

Bl-eċċezzjoni tal-kategoriji 7 u 8 (bastimentit as-sajd għat-tonn Kap XIV) u tal-kategoriji 9 u 11 (ħlasijiet kull xahar), it-taxxa parafiskali hija dovuta kull trimestru

---

[5] L-iskali għall-bastimenti tas-sajd industrijali, li jitħallsu f'munita barranija, skond id-digriet li jwaqqaf it-taxxa parafiskali, huma dawn li ġejjin (1 ujb = 1 TG)

Kategorija tas-Sajd għal Krustaċji, Ċefalopodi u speċijiet Demersali:

| Tunnellaġġ | Total għal kull trimestru (MRO) |
|---|---|
| < 99 ujb | 50.000 |
| 100-200 ujb | 100 000 |
| 200-400 ujb | 200 000 |
| 400-600 ujb | 400 000 |
| > 600 ujb | 600 000 |

Kategorija tas-Sajd Pelaġiku (żgħar u kbar)

| Tunnellaġġ | Total fix-xahar (MRO) |
|---|---|
| < 2 000 ujb | 50 000 |
| 2-3 000 ujb | 150 000 |
| 3-5 000 ujb | 500 000 |
| 5-7 000 ujb | 750 000 |
| 7-9 000 ujb | 1 000 000 |
| > 9 000 ujb | 1.300.000 |

sħiħ, jew multiplu tiegħu, independenti mill-preżenza eventwali ta' perjodu ta' waqfien għal raġunijiet bijoloġiċi.

Ir-rata tal-kambju (MRO/€) li għandha tintuża għall-ħlas tat-taxxa parafiskali għas-sena amministrattiva hija r-rata medja tas-sena preċedenti kkalkulata mill-Bank Ċentrali tal-Mawritanja u trażmessa mill-Ministeru sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena qabel ma tiġi applikata.

2. It-tariffi jitħallsu għal perjodi multipli tat-trimestru, ħlief għal perjodi iqsar previsti minn dan il-ftehim jew li jirriżultaw mill-applikazzjoni tiegħu li għalihom dawn għandhom jitħallsu *pro rata* tal-validità effettiva tal-liċenzja.

3. Trimestru jikkorrispondi għal wieħed mill-perjodi ta' tliet xhur li jibdew, kull l-1 ta' Ottubru, l-1 ta' Jannar, l-1 ta' April, l-1 ta' Lulju, ħlief għall-ewwel u l-aħħar perjodi tal-Protokoll, fejn dawn ser ikunu rispettivament mill-01/08/2008 sa 30/09/2008 u mill-01/03/2012 sa 31/07/2012.

## KAPITOLU IV

## Arranġamenti ta' ħlas

1. Il-ħlasijiet isiru f'EUR kif ġej:

   a) għat-tariffi;

      – bi trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem it-Teżor tal-Mawritanja

   b) għall-ispejjeż marbuta mat-taxxa parafiskali;

      – bi trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem is-Sorveljanza

   c) għall-multi;

      – bi trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem it-Teżor tal-Mawritanja

   d) għall-penali taż-żiediet fil-liċenzja

      – bi trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem il-MInisteru

2. It-totali stipulati fil-punt 1 t'hawn fuq huma kkunsidrati bħala effettivament imsarrfa jekk it-Teżor jew il-Ministeru jagħtu konferma ta' dan, abbażi tan-notifiki tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja.

3. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, l-Awtoritajiet tal-Mawritanja għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-lista tal-kontijiet tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja miftuħa barra l-pajjiż, flimkien mad-dettalji biex jiffaċilitaw it-trasferimenti internazzjonali (Kodiċi BIC u IBAN).

## KAPITOLU V

## Il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni dwar il-qabdiet

1. It-tul ta' vjaġġ ta' bastiment tal-Komunità huwa definit kif ġej:

   – jew il-perjodu li jgħaddi bejn d-dħul u l-ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Mawritanja;

   – jew il-perjodu li jgħaddi bejn d-dħul u l-ħruġ fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja u trażbord;

   – jew il-perjodu li jgħaddi bejn d-dħul u l-ħruġ fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja u ħatt l-art fil-Mawritanja.

2. Il-ġurnal tas-sajd

2.1. Il-kaptani tal-bastimenti huma responsabbli li jirreġistraw kuljum kull ħidma speċifika fil-ġurnal tas-sajd, li l-mudell tiegħu huwa mehmuż ma' l-appendiċi 2 ta' dan l-Anness u li jista' jiġi emendat skond ir-regoli tal-Mawritanja. Dan id-dokument irid jimtela b'mod korrett u li jinqara, u jiġi ffirmat mill-kaptan tal-bastiment. Għall-bastimenti li jistadu speċijiet li jpassu ħafna għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu XIV ta' dan l-Anness.

Il-perċentwal ta' tolleranza għad-differenza bejn il-qabdiet iddikjarati fil-ġurnal tas-sajd u r-riżultat ta' l-ispezzjoni huwa stabbilit għal:

– 7% għall-bastimenti mingħajr friża

– 4% għall-bastimenti tas-sajd mhux pelaġiku bil-friża

– 2% għall-bastimenti tas-sajd pelaġiku bil-friża

2.2. Ġurnal tas-sajd li jkollu informazzjoni nieqsa jew li mhix konformi jitqies daqslikieku ma nżammx.

2.3. Fit-tmiem ta' kull perjodu fuq il-baħar, il-kaptan tal-bastiment għandu jgħaddi l-ġurnal tas-sajd oriġinali lis-Sorveljanza. Fi żmien 15-il jum ta' xogħol, is-sid huwa obbligat li jgħaddi kopja ta' dan il-ġurnal lill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' l-Istat Membru kif ukoll lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

2.4. In-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet previsti fil-punti 2.1, 2.2 u 2.3 t'hawn fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd, bla ħsara għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamenti tal-Mawritanja, sakemm is-sid jissodisfa l-obbligi tiegħu.

2.5 Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu li jippromwovu t-twaqqif ta' sistema ta' ġurnal tas-sajd elettroniku.

2.6 Għall-bastimenti pelaġiċi (il-kategoriji 9 u 11), il-kontroll tal-qabdiet isir matul il-ħatt l-art, it-trażbord jew fit-tmiem tal-perjodu fuq il-baħar.

3. Il-ġurnal tas-sajd supplimentari (Dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art u tat-trażbord)

3.1. Matul ħatt l-art jew trażbord, il-kaptani tal-bastimenti huma responsabbli li jimlew b'mod leġibbli u korrett, u li jiffirmaw il-ġurnal tas-sajd supplimentari li l-mudell tiegħu huwa mehmuż fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

3.2. Fl-aħħar ta' kull ħatt l-art, is-sid jgħaddi l-ġurnal tas-sajd supplimentari oriġinali lis-Sorveljanza, flimkien ma' kopja lill-Ministeru, fi żmien li ma jaqbiżx it-30 jum. Fl-istess żmien, kopja għandha tingħadda lill-Awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat Membru kif ukoll lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni. Għall-bastimenti pelaġiċi il-perjodu huwa stabbilit għal 15-il jum.

3.3. Fit-tmiem ta' kull trażbord awtorizzat, il-kaptan jagħti lura immedjatament l-oriġinal tal-ġurnal tas-sajd supplimentari lis-Sorveljanza, flimkien ma' kopja lill-Ministeru. Fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol, kopja għandha tingħadda lill-Awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat Membru kif ukoll lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

3.4. In-nuqqas ta' osservanza ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet previsti fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 aktar il-fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sa ma s-sid jwettaq l-obbligi tiegħu.

4. Dikjarazzjoni tal-qabdiet trimestrali

4.1. Il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, tgħarraf lill-Ministeru qabel it-tmiem tat-tielet xahar ta' kull trimestru, il-kwantitajiet maqbuda matul it-trimestru preċedenti, mill-bastimenti kollha tal-Komunità. Għall-bastimenti pelaġiċi tal-kategoriji 9 u 11, din in-notifika ssir fuq bażi ta' kull xahar fi żmien li ma jaqbiżx it-30 jum tax-xahar ta' wara.

4.2. L-informazzjoni għandha tingħadda kull xahar u mqassma għal kull tip ta' sajd, għal kull bastiment u għall-ispeċijiet kollha.

4.3 Din l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa wkoll lill-Ministeru permezz ta' fajl elettroniku stabbilit f'format kompatibbli mas-sistemi ta' softwer użati mill-Ministeru.

5. Il-kredibbiltà ta' l-informazzjoni

L-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti msemmija fil-punti 1, 2, 3 u 4 hawn fuq jirriflettu r-realtà tas-sajd sabiex dawn ikunu jistgħu jikkostitwixxu waħda mill-bażijiet tal-monitoraġġ ta' l-evoluzzjoni tar-riżorsi tas-sajd.

Il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja fis-seħħ, fir-rigward tad-daqsijiet minimi tal-qabdiet miżmuma abbord għandha tapplika, u hija pprovduta fl-Appendiċi 6.

Fl-Appendiċi 7 tinsab lista ta' fatturi ta' konverżjoni applikabbli għall-qabdiet bla ras/sħaħ u/jew imnaddfa/sħaħ.

## KAPITOLU VI

**Qabdiet inċidentali**

1. Il-perċentwali tal-qabdiet inċidentali huma ddeterminati, f'kull ħin tas-sajd, skond il-piż totali ħaj tal-qabdiet miżmuma abbord, skond ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja. L-appendiċi 5 ta' dan l-Anness jippreżenta dawn il-perċentwali skond il-kategorija tas-sajd.

   Id-dispożizzjonijiet regolamentari marbuta ma' dawn il-qabdiet inċidentali se jkunu inklużi fuq il-liċenzji maħruġa.

2. Kull meta jinqabżu l-perċentwali tal-qabdiet inċidentali awtorizzati, ikun hemm sanzjonijiet skond ir-regolamenti tal-Mawritanja, u dan jista' jwassal għal twaqqif definittiv ta' l-attivitajiet kollha tas-sajd fil-Mawritanja għal min jagħmel din il-kontravenzjoni, kif ukoll għall-kaptani tal-bastimenti.

3. Iż-żamma ta' speċi mhux awtorizzati abbord il-bastimenti mhix permessa, u għal dan ikun hemm sanzjonijiet skond ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

**KAPITOLU VII**

**Ħatt l-art fil-Mawritanja**

Il-Partijiet kontraenti, konxji mill-ħtieġa ta' integrazzjoni aħjar għall-iżvilupp konġunt tas-setturi tas-sajd rispettivi tagħhom, qablu li jinkoraġġixxu l-ħatt volontarju u li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet li ġejjin rigward dan il-ħatt fil-portijiet tal-Mawritanja.

KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI U INĊENTIVI FINANZJARJI

1. Il-ħatt għandu jsir fil-port ta' Nouadhibou fil-Mawritanja. Is-sid li jħott jagħżel id-data tal-ħatt. Huwa jinforma b'dan lis-Sorveljanza u lill-awtoritajiet tal-port tal-Mawritanja permezz ta' faks jew ta' posta elettronika, tnejn u sebgħin siegħa qabel il-wasla prevista fil-port, fejn hu għandu jindika l-istima tiegħu tal-kwantità totali li ser tinħatt. L-awtoritajiet tal-port jikkonfermaw lid-destinatarju jew lis-sid, permezz ta' l-istess mezzi u fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, li l-ħidmiet tal-ħatt ser iseħħu fl-erbgħa u għoxrin siegħa wara li jaslu fil-port.

2. It-tul tal-ħidmiet tal-ħatt m'għandux ikun aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li l-bastiment jasal fil-port.

3. Meta jintemmu l-ħidmiet tal-ħatt, l-awtoritajiet tal-port kompetenti jagħtu ċertifikat tal-ħatt lill-kaptan.

4. Sakemm il-bastiment idum fil-port, il-baħrin sajjieda tiegħu jibbenefikaw minn sistema ta' passaġġ ħieles bit-"tessera tal-baħħara".

5. Il-bastimenti tal-Komunità li jħottu jew iwettqu trażbord fil-Mawritanja jibbenefikaw minn tnaqqis fuq it-tariffa tal-liċenzja għall-perjodu li matulu jseħħ il-ħatt jew it-trażbord. Il-livell ta' tnaqqis huwa ta' 25% tal-prezz tal-liċenzja għall-bastimenti li jħottu, u ta' 15% għall-bastimenti li jagħmlu trażbord. Madankollu:

- It-tnaqqis tat-tariffa għal-liċenzja mhux applikabbli għal bastimenti li jħottu/jittrażbordaw inqas minn 15% tal-qabdiet iddikjarati fil-ġurnal tas-sajd tal-perjodu tal-liċenzja kkonċernat;

- It-tnaqqis tat-tariffa għal-liċenzja huwa applikabbli *pro rata* għal bastimenti li jħottu/jittrażbordaw bejn 16% u 65% tal-qabdiet iddikjarati fil-ġurnal tas-sajd tal-perjodu tal-liċenzja kkonċernat (eżempju: 30% tal-qabdiet iddikjarati mniżżla, jwasslu għal benefiċċju ta' 30% tnaqqis fuq il-25% allokat fuq it-tariffa);

- It-tnaqqis tat-tariffa għal-liċenzja japplika kompletament għal bastimenti li jħottu/jittrażbordaw aktar minn 65% tal-qabdiet iddikjarati fil-ġurnal tas-sajd tal-perjodu tal-liċenzja kkonċernat;

6. Termini ta' l-applikazzjoni: Il-kopji taċ-ċertifikat jew ċertifikati tal-ħatt rigward il-ħidmiet magħmula minn bastiment jiġu trażmessi lill-Kummissjoni permezz tad-Delegazzjoni. Meta jkun hemm talba ġdida għal-liċenzja mill-istess bastiment, il-Kummissjoni tibgħat il-kopji taċ-ċertifikati lill-Ministeru, flimkien ma' talba għal tnaqqis fit-tariffa għal-liċenzja l-ġdida.

7. Qabel ma jintemm l-ewwel semestru ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Ministeru jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni permezz tad-Delegazzjoni:

– il-kundizzjonijiet ġenerali ta' ħatt l-art inkluż l-ispejjeż tal-port;

– il-provvedimenti miftiehma skond ir-regolamentazzjoni Komunitarja applikabbli fil-qasam;

– l-imħażen ikkontrollati mid-Dwana;

– id-daqs massimu u n-numru ta' bastimenti li jistgħu jkollhom aċċess;

– il-kundizzjonijiet u l-ammont ta' ħażna tal-prodotti ffriżati (-22°C), imkessħa u friski;

– il-mezzi u l-frekwenza tat-trasport sabiex jiġu trasportati prodotti tas-sajd għal swieq barranin;

– il-kundizzjonijiet u l-prezz medju tal-provvisti (fjuwil, oġġetti ta' l-ikel, eċċ.);

– il-kodiċi tar-radju, in-numri tat-telefon, il-faks u t-teleks kif ukoll il-ħinijiet tax-xogħol ta' l-uffiċċji ta' l-awtoritajiet tal-port;

– kull informazzjoni oħra li tista' tiffaċilita l-ħidmiet tal-ħatt.

KUNDIZZJONIJIET FISKALI U FINANZJARJI

Il-bastiment Komunitarju li jħott f'Nouadhibou huwa eżenti minn kull dazju jew taxxa b'effett ekwivalenti, minbarra t-taxxi u l-ispejjeż tal-port li, fl-istess kundizzjonijiet, japplikaw għall-bastimenti tal-Mawritanja.

Il-prodott tas-sajd jibbenfika minn sistema ekonomika tad-Dwana skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ tal-Mawritanja. Għalhekk dan huwa eżenti minn kull proċedura u dritt tad-dwana jew taxxa b'effett ekwivalenti meta jidħol fil-port tal-Mawritanja jew l-esportazzjoni tiegħu, u huwa kkunsidrat bħala merkanzija fi "tranżitu temporanju" ("ħażna temporanja").

Is-sid jiddeċiedi d-destinazzjoni tal-produzzjoni tal-bastiment tiegħu. Dan jista' jitbiddel, jinħażen f'sistema taħt il-kontroll tad-Dwana, jinbiegħ fil-Mawritanja jew jiġi esportat (f'munita barranija).

Il-bejgħ fil-Mawritanja, maħsuba għas-suq tal-Mawritanja, huwa suġġetti għall-istess taxxi u tnaqqis bħal dawk applikati għall-prodotti tas-sajd tal-Mawritanja.

Il-benefiċċji jistgħu jiġu esportati mingħajr ħlasijiet supplementari (eżenzjoni tad-drittijiet tad-dwana u taxxi b'effett ekwivalenti).

L-ipprezzar tat-taxxi tal-port għall-operazzjonijiet tat-trażbord fiż-żoni permessi u previsti fl-Appendiċi 5 tal-Protokoll, huwa stabbilit għal 1,25$ kull tunnellata ta' ħut ittrażbordat. Kull tibdil f'dan l-ipprezzar irid jgħaddi mill-Kummissjoni konġunta tal-Ftehim.

L-awtorità tal-port tapplika wkoll it-taxxa tad-dħul u tal-ħruġ għall-bastimenti trasportaturi u fornituri.

Dawn il-miżuri, bid-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2007, se jkunu soġġetti għal evalwazzjoni wara sena li jkunu ilhom fis-seħħ.

## KAPITOLU VIII

## Tlugħ tal-baħrin mill-Mawritanja

1. Ħlief għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun (li jridu bil-fors itellgħu talanqas baħri mill-Mawritanja għal kull bastiment), il-bastimenti li jistadu għat-tonn bil-qasab u x-xlief (li jtellgħu ta' bil-fors 3 baħrin mill-Mawritanja għal kull bastiment), u l-bastimenti pelaġiċi tal-kategorija 11 (li għalihom hemm previsti dispożizzjonijiet tranżitorji fil-punt 6 tal-Kapitolu XV ta' dan l-Anness), kull bastiment tal-Komunità huwa obbligat li jtella' abbord, matul kemm idum il-bastiment fuq il-baħar, baħrin mill-Mawritanja, f'ammonti talanqas ugwali għal:

   – 2 baħrin kif ukoll uffiċjal jew osservatur għall-bastimenti b'tunnellaġġ anqas minn 200 TG;

   – 3 baħrin kif ukoll uffiċjal jew osservatur għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' 200 TG jew aktar imma inqas minn 250 TG ;

   – 4 baħrin kif ukoll uffiċjal jew osservatur għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' 250 TG jew aktar imma anqas minn 300 TG;

   – 6 baħrin u uffiċjal 1 għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' 300 TG jew aktar imma anqas minn 350 TG;

   – 7 baħrin u uffiċjal għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' 350 TG jew aktar imma anqas minn 500 TG;

– 8 baħrin u uffiċjal 1 għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' 500 TG jew aktar imma anqas minn 800 TG;

– għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' 800 TG jew aktar imma anqas minn 2000 TG, għadd ta' baħrin ekwivalenti għal 37 % ta' l-ekwipaġġ b'minimu ta' 8 baħrin u 2 uffiċjali;

– għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' 2000 TG jew aktar, għadd ta' baħrin ekwivalenti għal 37 % ta' l-ekwipaġġ b'minimu ta' 12 baħrin u 2 uffiċjali.

1.2 Għall-bastimenti li t-tunnellaġġ tagħhom huwa ta' 800 TG jew aktar, l-għadd minimu ta' baħrin li għandhom jittellgħu jitnaqqas bi 2 għal kull uffiċjal supplementari li jittella'.

1.3 Is-sidien jistgħu jagħżlu liberament il-baħrin u l-uffiċjali mill-Mawritanja li jridu jtellgħu fuq il-bastimenti tagħhom, f'konformità mad-dispożizzjonijiet previsti fil-kodiċi tal-flotta merkantili.

2. Is-sid jew ir-rappreżentant tiegħu jikkomunikaw l-ismijiet tal-baħrin mill-Mawritanja li jittellgħu abbord il-bastiment ikkonċernat lill-Ministeru, u jindikaw ir-rwol tagħhom fl-ekwipaġġ kif reġistrati.

3. Id-Dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol, tapplika bi dritt sħiħ għall-baħrin li jittellgħu abbord fuq bastimenti tas-sajd Komunitarji. B'mod partikolari l-applikazzjoni tad-dritt ta' assoċjazzjoni u ta' l-għarfien effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv tal-ħaddiema u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u tal-professjonijiet.

4. Il-kuntratti tax-xogħol tal-baħrin tal-Mawritanja, li kopja tagħhom għandha tingħata lil min jiffirmahom, isiru bejn ir-rappreżentant(i) tas-sidien u l-baħrin u/jew it-trejdjunjins tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom flimkien ma' l-awtorità kompetenti tal-Mawritanja. Dawn il-kuntratti jiggarantixxu lill-baħrin il-benefiċċju ta' sistema ta' sigurtà soċjali li tapplika għalihom, li tinkludi assigurazzjoni f'każ ta' mewt, mard u inċident.

5. Is-sid jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jikkomunika, fi żmien xaharejn wara l-għotja tal-liċenzja, kopja ta' l-imsemmi kuntratt li jkun ittimbrat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat, direttament lill-Ministeru.

6. Is-salarju tal-baħrin mill-Mawritanja jitħallas mis-sidien tal-bastimenti. Huwa jiġi ffissat qabel ma jingħataw il-liċenzji, bi qbil komuni bejn is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-baħrin mill-Mawritanja konċernati jew ir-rappreżentanti tagħhom. Madankollu, il-kundizzjonijiet tar-remunerazzjoni tal-baħrin mill-Mawritanja ma jistgħux ikunu inferjuri għal dawk applikabbli għall-ekwipaġġi tal-Mawritanja, u jridu jkunu konformi man-normi ta' l-ILO u fil-każijiet kollha mhux inferjuri għal dawn.

7. Jekk wieħed jew diversi mill-baħrin impjegati abbord ma jiġux fil-ħin iffissat għat-tluq tal-bastiment, dan huwa awtorizzat li jibda l-ħruġ previst wara li jkun informa lill-awtoritajiet kompetenti tal-port tat-tluġħ bin-nuqqas fin-numru neċessarju tal-

baħrin u li jkun aġġorna l-lista ta' l-ekwipaġġ tiegħu. Dawn l-awtoritajiet jinfurmaw lis-Sorveljanza.

Is-sid huwa responsabbli li jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura ruħu li l-bastiment tiegħu jtella' n-numru ta' baħrin meħtieġa skond dan il-Ftehim, sa l-aktar tard matul il-ħruġ fuq il-baħar li jmiss.

8. Fil-każ li l-baħrin mill-Mawritanja ma jitilgħux abbord għal raġunijiet oħrajn li mhux dawk stipulati fil-punt preċedenti, is-sidien tal-bastimenti Komunitarji konċernati huma obbligati li jħallsu somma totali ta' 20 euro għal kull jum ta' sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja għal kull baħri, fi żmien massimu ta' 3 xhur.

Il-ħlas għal baħrin li ma ttellgħux abbord isir skond l-għadd ta' jiem ta' sajd effettivi u mhux skond kemm iddum il-liċenzja.

Din is-somma se tintuża għat-taħriġ ta' baħrin-sajjieda mill-Mawritanja, u tiġi depożitata fil-kont indikat fil-punt 1 b) tal-Kapitolu IV ta' dan l-Anness.

9. Il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, kull semestru tikkomunika lill-Ministeru l-lista tal-baħrin mill-Mawritanja li jittellgħu abbord il-bastimenti tal-Komunità, fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju ta' kull sena, fejn tissemma' r-reġistrazzjoni tagħhom fir-reġistru tan-nies tal-baħar u l-indikazzjoni tal-bastimenti li fuqhom dawn ittellgħu.

10. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-punt 7 hawn fuq, jekk is-sidien jibqgħu ma jirrispettawx b'mod ripetut it-tlugħ abbord tan-numru ta' baħrin mill-Mawritanja previst, il-liċenzja tas-sajd tal-bastiment tiġi awtomatikament sospiża sa ma jitwettaq dan l-obbligu.

## KAPITOLU IX

## Spezzjonijiet tekniċi

1. Darba fis-sena, kif ukoll wara xi tibdil fit-tunellaġġ jew fil-kategorija ta' sajd li twassal għall-użu ta' apparat tas-sajd differenti, kull bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jidħlu f'port ta' Nouadhibou jew ta' Nouakchott sabiex issirilhom spezzjoni kif stipulat fir-regolamenti fis-seħħ. Dawn l-ispezzjonijiet iridu jitwettqu b'mod obbligatorju fi żmien 48 siegħa mill-wasla tal-bastiment fil-port.

Il-modalitajiet ta' l-ispezzjonijiet tekniċi tal-bastimenti li jistadu għat-tonn, tal-bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ u l-bastimenti tas-sajd pelaġiku huma stabbiliti fil-Kapitoli XIV u XV ta' dan l-Anness.

2. Meta l-bastiment jinstab li huwa konformi, il-kaptan tal-bastiment jingħata ċertifikat, bl-istess validità bħal-liċenzja, li jiġi mġedded de facto għall-bastimenti li jġeddu l-liċenzja tagħhom matul dik is-sena. Dan iċ-ċertifikat għandu jinżamm abbord f'kull ħin.

3. L-ispezzjonijiet tekniċi jservu sabiex jikkontrollaw il-konformità tal-karatteristiċi tekniċi u ta' l-apparat abbord u sabiex jivverifikaw li d-dispożizzjonijiet dwar l-ekwipaġġ mill-Mawritanja jkunu ġew sodisfatti.

4. L-ispejjeż relatati ma' l-ispezzjonijiet għandhom jitħallsu mis-sidien u jiġu stabbiliti skond l-iskeda stabbilita mir-regolamenti tal-Mawritanja, u kkomunikati lill-Parti Komunitarja. Dawn l-ispejjeż ma jistgħux ikunu ogħla mis-somom normalment imħallsa mill-bastimenti l-oħrajn għall-istess servizzi.

5. In-nuqqas ta' osservanza ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet stipulati fil-punti 1 u 2 ta' hawn fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sa ma s-sid jonora l-obbligi tiegħu.

## KAPITOLU X

## L-identifikazzjoni tal-bastimenti

1. Il-marki ta' l-identifikazzjoni ta' kull bastiment tal-Komunità għandhom ikunu konformi mar-regolamentazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam. Din ir-regolamentazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-Ministeru qabel ma jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll. Kull modifika ta' din trid tiġi nnotifikata lill-Ministeru talanqas xahar qabel ma tidħol fis-seħħ.

2. Kull bastiment li jaħbi l-marki tiegħu, ismu jew in-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu jesponi ruħu għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamentazzjoni fis-seħħ tal-Mawritanja.

## KAPITOLU XI

## Sospensjoni jew irtirar tal-liċenzji

Jekk l-awtoritajiet tal-Mawritanja jiddeċiedu li jissospendu jew jirtiraw b'mod definittiv il-liċenzja ta' bastiment tal-Komunità, fl-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll u tar-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, il-kaptan ta' dan il-bastiment għandu jieqaf immedjatament minn kull attività ta' sajd u jerġa' lura mingħajr dewmien fil-port ta' Nouadhibou biex jagħti lura l-kopja oriġinali tal-liċenzja lis-Sorveljanza. Meta jitlestew il-formalitajiet neċessarji, il-Ministeru jinforma lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, bit-tneħħija tas-sospensjoni u tingħata lura l-liċenzja.

## KAPITOLU XII

## Ksur

1. Kull ksur jiġi penalizzat skond ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

2. Għall-ksur tas-sajd gravi u gravi ħafna, hekk kif definiti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, il-Ministeru jirriserva d-dritt li jwaqqaf lill-bastimenti, lill-kaptani u, jekk ikun il-każ, lis-sidien implikati fit-twettiq ta' dawn l-infrazzjonijiet, minn kull attività ta' sajd fil-Mawritanja b'mod proviżorju jew b'mod definittiv.

## KAPITOLU XIII

## Multi

It-total tal-multa li tingħata lill-bastiment tal-Komunità huwa ddeterminat skond ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja f'limitu li jinkludi ammont minimu u massimu previsti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja. Dan it-total huwa stabbilit skond il-proċedura prevista fil-punt 3 tal-Kapitolu VI ta' l-Anness II. It-total tal-multa li tingħata huwa mibdul f'EUR mis-Sorveljanza bir-rata definita fil-paragrafu 1 tal-Kapitolu III ta' dan l-Anness. Iż-żewġ totali għandhom jiġu kkomunikati fl-istess ħin lis-sid u lill-Kummissjoni permezz tad-Delegazzjoni.

Ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, kif ukoll il-modifiki ulterjuri tagħha, għandhom jiġu kkomunikati lill-Parti Komunitarja.

## KAPITOLU XIV

## Dispożizzjonijiet applikabbli għall-bastimenti li jistadu għall-ispeċijiet li jpassu ħafna

## (bastimenti li jistadu għat-tonn u bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ)

1. Il-liċenzji għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun, għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bil-qasab u x-xlief u għall-bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ jinħarġu għall-perjodi li jaqblu mas-snin kalendarji ħlief għall-ewwel u l-aħħar sena ta' dan il-Protokoll.

   Il-liċenzja oriġinali trid tinżamm f'kull waqt fuq il-bastiment u għandha tiġi ppreżentata kull meta tintalab mis-Sorveljanza. Il-Kummissjoni għandha żżomm aġġornament ta' l-abbozz tal-lista ta' bastimenti li għalihom tkun saret applikazzjoni għal liċenzja tas-sajd skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Dan l-abbozz jiġi notifikat Ministeru hekk kif jiġi ffinalizzat u eventwalment kull darba li jiġi aġġornat. Meta jiġi rċevut dan l-abbozz tal-lista kif ukoll in-notifika tal-ħlas bil-quddiem indirizzat mill-Kummissjoni lill-Ministeru, il-bastiment jiġi rreġistrat mill-awtorità kompetenti tal-Mawritanja fuq lista tal-bastimenti awtorizzati li jistadu, li tiġi mgħarrfa lis-Sorveljanza. F'dan il-każ, kopja ta' din il-lista tintbagħat lil sid il-bastiment u għandha tinżamm abbord, minflok il-liċenzja tas-sajd, sakemm tintbagħat din ta' l-aħħar.

   Meta jiġu ppreżentati l-provi tal-ħlas bil-quddiem, il-Ministeru jistabilixxi l-liċenzja u jirreġistra l-bastiment konċernat fuq il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati li jistadu li tintbagħat lis-Sorveljanza u lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

2. Qabel ma jirċievi l-liċenzja tiegħu, kull bastiment li jkun qed jopera għall-ewwel darba fil-kuntest tal-ftehim, għandu jitressaq għall-ispezzjonijiet previsti mir-regolamentazzjoni fis-seħħ. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jseħħu f'port barrani li jrid jiġi miftiehem. L-ispejjeż kollha marbuta ma' din l-ispezzjoni għandhom jitħallsu minn sid il-bastiment.

3. Il-liċenzji jinħarġu wara li l-ħlas, permezz ta' trasferiment f'wieħed mill-kontijiet kif definit fil-Kapitolu IV punt 1(1), ta' somma li tikkorrispondi għall-ħlas bil-quddiem indikat fil-formoli tekniċi tal-Protokoll. Din is-somma globali ser tkun stabbilita *pro rata* taż-żmien tal-validità tal-liċenzja għall-ewwel u l-aħħar sena tal-Ftehim.

   F'dak li jirrigwarda t-taxxa parafiskali, din għandha titħallas *pro rata* għaż-żmien imqatta' fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja; Il-menswalitajiet jitqiesu bħala perjodi ta'

30 jum ta' sajd effettiv. Din id-dispożizzjoni tippreserva l-karattru integrali ta’ din it-taxxa u għalhekk kull menswalità mibdija għandha titħallas.

L-ewwel menswalità għandha tkun tħallset meta l-applikazzjoni għal-liċenzja u l-għadd ta' jiem ta' sajd ikunu qed jitqiesu.

Bastiment li jkun stad bejn 1 u 30 jum f’sena, għandu jħallas taxxa għal xahar; It-tieni menswalità minn din it-taxxa tkun dovuta wara l-ewwel perjodu ta’ 30 jum u kull perjodu bħal dan sussegwenti.

Il-menswalitajiet komplementari għandhom jitħallsu sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara l-1 jum ta’ kull perjodu komplementari.

4. Fuq il-bastimenti għandu jinżamm ġurnal ta’ abbord, skond il-mudell ICCAT mehmuż fl-Appendiċi 4 ta’ dan l-Anness, għal kull perjodu tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mawritanja. Dan għandu jimtela anke f’każ fejn ma jinqabdux ħut.

Għall-perjodi li fihom bastiment imsemmi hawn fuqma jkunx jinstab fl-ilmijiet tal-Mawritanja, dan għandu jimla l-ġurnal ta’ abbord stipulat hawn fuq flimkien man-nota "Barra miż-ŻEE tal-Mawritanja".

Fi żmien 15-il jum ta’ xogħol wara li jaslu fil-port tal-ħatt, il-ġurnali ta’ abbord imsemmija f’dan il-punt jintbagħat lill-Ministeru u lill-awtoritajiet nazzjonali ta’ l-Istat Membru.

In-nuqqas ta’ osservanza ta’ xi waħda mid-dispożizzjonijiet previsti hawn fuq iwassal, bla ħsara għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sa ma s-sid jissodisfa l-obbligi tiegħu.

5. Bla ħsara għall-verifiki li tkun tixtieq twettaq il-Mawritanja, il-Kummissjoni permezz tad-Delegazzjoni, qabel il-15 ta’ Ġunju ta’ kull sena tissottometti lill-Ministeru rendikont tat-tariffi dovuti għas-sena tas-sajd preċedenti abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet stabbiliti minn kull sid u validati mill-istituti xjentifiċi kompetenti għall-verifika ta’ l-informazzjoni dwar il-qabdiet fl-istati Membri, bħalma huma l-IRD (Institut de Recherche pour le Développement), l-IEO (Instituto Espanol de Oceanografia) , l-INIAP (Instituto Nacional de Investigaçao Agraria e das Pescas) u l-IMROP (Institut Mauritanien de Recherches Océanographiques et des Pêches).

6. Għall-aħħar sena ta’ l-applikazzjoni tal-Ftehim, ir-rendikont tat-tariffi dovuti għas-sena tas-sajd preċedenti jiġi mgħarraf fl-4 xhur wara li jkun skada il-Ftehim.

7. Ir-rendikont finali jintbagħat lis-sidien konċernati, li għandhom 30 jum żmien, li jibdew jgħoddu min-notifika u l-approvazzjoni ta’ l-ammonti totali mill-Ministeru, biex jonoraw l-obbligi finanzjarji tagħhom ma’ l-awtoritajiet kompetenti rispettivi. Il-ħlas dovut f’EUR, maħruġ f’isem it-Teżor tal-Mawritanja fil-kont imsemmi fil-Kapitolu IV, jitwettaq sa mhux aktar tard minn xahar u nofs wara n-notifika msemmija.

Madankollu, jekk it-tnaqqis definittiv huwa anqas mit-total tal-ħlas bil-quddiem stipulat fil-punt 4, id-differenza korrispondenti ma titħallasx lura lis-sid.

8. B'deroga għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I ta' l-Anness II, il-bastimenti, fit-3 sigħat ta' qabel kull dħul u ħruġ miż-żona, iridu jikkomunikaw direttament lill-awtoritajiet tal-Mawritanja, preferibbilment permezz tal-faks u jekk dan mhux possibbli permezz tar-radju, il-pożizzjoni tagħhom u l-qabdiet li għandhom abord.

In-numru tal-faks u l-frekwenza tar-radju huma kkomunikati mis-Sorveljanza

Kopja tal-komunikazzjonijiet permezz tal-faks jew tar-reġistrazzjoni tal-komunikazzjonijiet bir-radju għandha tinżamm mill-awtoritajiet tal-Mawritanja u mis-sidien sakemm ma jiġi approvat minn kull waħda miż-żewġ Partijiet ir-rendikont finali tat-tariffi msemmi fil-punt 5.

9. Il-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun, fuq talba ta' l-awtoritajiet tal-Mawritanja u bi qbil komuni mas-sidien ikkonċernati, għandhom itellgħu abbord osservatur xjentifiku għal kull bastiment għal perjodu miftiehem.

## KAPITOLU XV
## Dispożizzjonijiet applikabbli għall-bastimenti tas-sajd pelaġiku

1. Il-liċenzja oriġinali trid tinżamm f'kull waqt fuq il-bastiment u għandha tiġi ppreżentata kull meta tintalab mill-Awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja. Jekk għal raġunijiet prattiċi, il-kopja oriġinali tal-liċenzja ma setgħetx titwassal fuq il-bastiment immedjatament wara li tkun inħarġet mill-Ministeru, tista' tinżamm abbord kopja jew kopja bil-faks għal perjodu massimu ta' għaxart ijiem.

2. L-ispezzjonijiet tekniċi tal-bastimenti jistgħu jseħħu fl-Ewropa. F'dan il-każ, l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u ta' l-akkommodazzjoni ta' żewġ persuni maħtura mill-Ministeru biex iwettqu dawn l-ispezzjonijiet għandhom jitħallsu mis-sid.

3. It-totali tat-tariffi jinkludu kull dritt jew taxxa oħra relatati, ħlief għat-taxxa parafiskali, it-taxxi tal-port, jew għall-għotja ta' servizzi.

Fil-każ li l-Komunità tkun tixtieq li jkollha kwota komplementari għall-kategorija 9, fil-limitu ta' 50 000 tunnellata, hija għandha tinforma lill-Mawritanja sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar ta' kull sena. Madankollu, iż-żewġ partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni, li jżidu dan il-limitu, fuq bażi annwali u f'konformità mal-pariri xjentifiċi disponibbli jew wara li jkun tqies il-parir ta' Kumitat xjentifiku konġunt.

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Komunità, għandu jsir rendikont finali tal-qabdiet qabel il-15 ta' Settebru ta' kull sena għas-sena ta' qabel.

Fuq il-bażi ta' dan ir-rendikont finali tal-qabdiet, maqbul bejn iż-żewġ partijiet, u fil-każ ta' qbiż tat-tunnellaġġ globali ta' 250 000 tunnellata, għandu jsir ħlas ta' 40 euro kull tunnellata maqbuda mill-Komunità, bħala kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-profitt tat-Teżor pubbliku tal-Mawritanja.

Il-prinċipju tal-limitu massimu tal-qabdiet ma japplikax għall-bastimenti pelaġiċi frisk tal-kategorija 11.

Il-ħlasijiet tat-tariffi kif ukoll ta' l-ammonti addizzjonali li jista' ikunu dovuti għandhom isiru fil-kont tat-Teżor kif iddefinit fil-punt 1(1) tal-Kapitolu IV.

4. Il-bastimenti tas-sajd pelaġiku għandhom jikkomunikaw lis-Sorveljanza l-intenzjoni tad-dħul jew ħruġ tagħhom miż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja. Din il-komunikazzjoni trid issir 12-il siegħa qabel id-dħul, u 36 siegħa qabel il-ħruġ. Meta tingħata n-notifika tal-ħruġ, kull bastiment għandu jagħti wkoll il-volum u l-ispeċi tal-qabdiet miżmuma abbord

5. Is-sidien għandhom iwettqu d-dispożizzjonijiet utli għat-trasport, għas-spejjeż tagħhom, tal-baħrin u l-osservaturi xjentifiċi mill-Mawritanja.

6. Il-bastimenti pelaġiċi tal-kategorija 11 huma marbuta bid-dispożizzjonijiet li ġejjin f'dak li għandu x'jaqsam mat-tlugħ tal-baħrin:

– matul l-ewwel sitt xhur ta' l-attivitajiet tagħhom fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, il-bastimenti huma eżenti milli jtellgħu abbord baħrin mill-Mawritanja;

– matul is-sitt xhur ta' wara, il-bastimenti għandhom itellgħu abbord 50% tal-baħrin previsti fil-paragrafu 1 tal-Kapitolu VIII;

Fl-aħħar ta' dawn iż-żewġ perjodi ta' sitt xhur, id-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 tal-Kapitolu VIII, japplikaw għall-bastimenti tal-kategorija 11.

## Appendiċi 1

## FTEHIM TAS-SAJD TAL-MAWRITANJA – KOMUNITÀ EWROPEA

*APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZJA TAS-SAJD*

I- APPLIKANT

1. Isem sid il-bastiment: .....

2. Isem l-assoċjazzjoni jew ir-rappreżentant tas-sid: .....

3. L-indirizz ta' l-assoċjazzjoni jew tar-rappreżentant tas-sid: .....

.....

4. Numru tat-telefon :..... Faks: ..... Telex:.....

5. L-isem tal-kaptan:: ..... Nazzjonalità: .....

II-IL-BASTIMENT U L-IDENTIFIKAZZJONI TIEGĦU

1. Isem il-bastiment: .....

2. L-Istat tal-bandiera: .....

3. Numru tar-reġistrazzjoni estern: .....

4. Port ta' reġistrazzjoni: .....

5. Sena u post ta' kostruzzjoni: ..... .....

6. Kodiċi tas-sinjal tar-radju: ..... Frekwenza tas-sinjal tar-radju: .....

7. Tip ta' buq: Azzar ☐ Injam ☐ Polyester ☐ Oħrajn ☐

III- KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT U L-IRKAPTU

1. Tul totali: ..... Il-wisgħa: .....

2. Tunnellaġġ (indikat bħala TG): .....

3. Qawwa tal-magna prinċipali indikata bħala H.P.: : ..... Marka: ..... Tip : .....

4. Tip ta' bastiment: ..... Kategorija tas-sajd: .....

5. L-irkaptu tas-sajd: .....

6. Numru ta' ekwipaġġ abbord: .....

7. Metodu ta' konservazzjoni abbord: Frisk ☐ Tkessiħ ☐ Imħallat ☐ Iffriżar ☐

8. Kapaċità ta' friża kull 24 siegħa (f'tunnellati): .....

9. Kapaċità ta' l-istivi: ..... Numru: .....

Magħmul fi ....., il-.....

Firma ta' l-applikant .....

**Appendiċi 2**

INTESTATURA N°1

**REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAWRITANJA**

ĠURNAL TAS-SAJD

Isem il-bastiment (1) …….. Tluq minn (4)…. Data (6) Jum Xaha Is-sena Ħin

Kodiċi tar-radju (2)……..

Isem il-bastiment (3) …….. Ritorn (5)….. Data (6) Jum Xaha Is-sena Ħin

Irkaptu tas-sajd (7) Qies tat-tagħmir Malja tax- Qies tat-tagħmir (10)

| INTESTATURA Nru 2 | | | | INTESTATURA Nru 3 Ingassa l-lista "A" jew "B' mhux użata | | | | | | | | | | | | | | | INTESTATURA Nru 4 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Data (12) | Is-settur statis-tiku (13) | Numru ta' sajdiet (14) | Ħin tas-Is-Sajd (sigħat) (15) | Stima tal-kwantitajiet maqbuda minn kull speċi: (f'kilogrammi) (16) (jew spjegazzjoni tar-raġunijiet għal waqfien mis-sajd) | | | | | | | | | | | | | | | Piż Totali tal-Qbid (kg) (17) | Piż Totali tal-ħut (kg) (18) | Piż totali ta' ikel tal-ħut (kg) (19) |
| | | | | Saw-rell A | Sardin | Laċċa | Inċova | Kavalli | Ċinturi n iswed | Tip ta' tonn | Marlozz | Awrat roża | Klamari | Siċċ | Qarnit | Gambli | Awwi st | Ħut ieħor | | | |
| | | | | Awwi st B | Gambli | Astado | Carabin eros | Gambli Oħrajn | Alonga | Awwis t roża | Krusta ċji oħrajn | Rape | Marloz z | Ħut ieħor | Ċefalo-podi varji | Frott tal-baħar varju | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

## Appendiċi 3

**REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAWRITANJA**

DIKJARAZZJONI TA' ĦATT L-ART/TRAŻBORD

(A) Isem il-bastiment..... Tluq minn (4)…. Data (6) Jum Xahar Is-sena Ħin

Kodiċi tar-radju.....

Isem il-kaptan..... Ritorn (5)….. Data (6)

| Nazzjonalità | Kodiċi tar-radju | Isem tal-bastiment li qed jirċievi |
|---|---|---|
| | | |

Firma tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd

INDIKA L-PIŻ F'KILOGRAMMI

| Speċi (B) | Kategorija Kummerċjali (C) | Preżentazzjoni (D) | Piż nett (E) | Prezz tal-bejgħ (F) | Munita (G) | Speċi (B) | Kategorija Kummerċjali (C) | Preżentazzjoni (D) | Piż nett (E) | Prezz tal-bejgħ (F) | Munita (G) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

# Appendiċi 4

## ĠURNAL TA' ABBORD TA' L-ICCAT GĦAS-SAJD TAT-TONN

| | |
|---|---|
| | Bil-konz |
| | Lixka ħajja |
| | Purse Seine |
| | Tkarkir |
| | Outros (Oħrajn) |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-bastiment: ..... | Tunnellaġġ gross: ..... | TLUQ tal-bastiment: | Xahar | Jum | Is-sena | Port |
| L-Istat tal-bandiera: ..... | Il-kapaċità – (TM): ..... | | | | | |
| In-numru ta' reġistrazzjoni: ..... | Il-kaptan: ..... | RITORN tal-bastiment: | | | | |
| Is-sid: ..... | In-numru ta' membri ta' l-ekwipaġġ: ..... | | | | | |
| L-indirizz: ..... | Id-data tar-rapport ..... | | | | | |
| | (Auteur du rapport): ..... | L-għadd ta' jiem fuq il-baħar: | | L-għadd ta' jiem ta' sajd: | | Numru tas-sajda: |
| | | | | L-għadd ta' kalati: | | |

| Data | | Is-settur | | T° ta' wiċċ il-baħar (ºC) | Sajda L-għadd ta' snanar użati | Capturas (Qabdiet) | | | | | | | | | | | | | | | | | | Isco usado na pesca (Lixka użata) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xahar | Jum | Latitudni N/S | Longitudni E/W | | | Tonn *Thunnus thynnus ou maccoyi* | | Tonn tal-pinen sofor *Thunnus albacares* | | (Tonn għajnu kbira) *Thunnus obesus* | | (Alonga) *Thunnus alalunga* | | (Pixxispad) *Xiphias gladius* | | (Marlin) (Makaire abjad) *Tetraptunus audax jew albidus* | | (Makaire) *Makaira Indica* | | (Voiliers/Marlin) *Istiophorus albicane jew platypterus* | | Palamit *Katsuwonus pelamis* | | (Qabdiet imħallta) | | Total ta' kuljum (piż f'kg biss) | | Kastardella | Klamari | Lixka ħajja | (oħrajn) |
| | | | | | | Għadd: | Piż kg | Għadd: | kg | Għadd: | kg | Għadd: | kg | Għadd: | kg | Għadd: | kg | Għadd: | kg | Għadd: | Kg | Għadd: | kg | Għadd: | kg | Għadd: | kg | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| KWANTITAJIET IMĦATTA (F'KG) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

Rimarki

1 – Uża paġna għal kull xahar u ringiela għal kull jum.

2 - Fit-tmiem ta' kull sajda, ibgħat kopja tal-ġurnal lill-korrispondent tiegħek jew lill-ICCAT, Calle Corazón de María, 8, 28002 Madrid. Spanja.

3 – "Jum" ifisser il-jum li fih jintrema l-konz.

4 - Is-settur tas-sajd jiddetermina l-pożizzjoni tal-bastiment. Aġġusta i-minuti sa l-eqreb figura sħiħa u indika l-grad ta' latitudni u longitudni. Qis li jkun hemm indikazzjoni N/S u E/W.

5 - L-aħħar ringiela (Kwantitajiet imħatta) m'għandiex timtela' qabel it-tmiem tas-sajda. Għandu jkun indikat il-piż reali fil-mument tal-ħatt.

6 – L-informazzjoni kollha hawn inkluża hija strettament kunfidenzjali.

## Appendiċi 5 Regoli tal-Mawritanja fis-seħħ fir-rigward tal-qabdiet inċidentali

| Kategoriji | | Regolament RIM – 2002/073 | |
|---|---|---|---|
| | | **Qabdiet inċidentali awtorizzati:** | **Qabdiet ipprojbiti** |
| 1 | **Bastimenti tas-sajd għal krustaċji ħlief l-awwista u l-granċ** | **20% ta' ħut u 15% ta' ċefalopodi.**<br><br>**7,5% ta' granċijiet** | **Awwisti** |
| 2 | **Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir u bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ għas-sajd tal-marlozz iswed** | **Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir 25% ta' ħut,**<br><br>**bastimenti tas-sajd bil-konz, 50% ta' ħut** | **Ċefalopodi u krustaċji** |
| 3 | **Bastimenti tas-sajd għal speċijiet demersali ħlief il-marlozz iswed b'irkaptu minbarra dak tat-tkarkir** | **10% tat-total ta' l-ispeċi jew tal-grupp ta' speċijiet fil-mira awtorizzati (piż ħaj) li minnu massimu ta' 5% ta' gambli, 5% ta' klamari u siċċ** | **Qarnit**<br><br>**Marlozz (% massimu li għandu jiġi deċiż fi ħdan il-Kummissjoni mħallta)** |
| 4 | **Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir bil-friża li jistadu għal speċijiet demersali** | **10% tat-total ta' l-ispeċi jew tal-grupp ta' speċijiet fil-mira awtorizzati (piż ħaj) li minnu massimu ta' 5% ta' gambli, 5% ta' klamari u siċċ** | **Qarnit** |
| *5* | **Bastimenti tas-sajd għaċ-Ċefalopodi** | **5% ta' gambli,** | |
| 6 | **Bastimenti tas-sajd għall-awwist** | | **Ħut, ċefalopodi, gambli, awwist aħdar u granċijiet** |
| 7 | **Bastimenti bil-friża li jistadu għat-tonn bit-tartarun** | | **Speċijiet oħra minbarra l-ispeċi jew il-grupp ta' speċijiet fil-mira** |
| 8 | **Bastimenti għas-sajd tat-tonn bil-qasab u x-xlief u bastimenti għas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ** | | **Speċijiet oħra minbarra l-ispeċi jew il-grupp ta' speċijiet fil-mira** |
| 9 | **Bastimenti bil-friża għas-sajd pelaġiku bit-tkarkir** | **3% tat-total ta' l-ispeċi jew grupp ta' speċijiet fil-mira awtorizzati (piż ħaj)** | **Krustaċji jew ċefalopodi minbarra klamari** |
| 10 | **Sajd għall-Granċ** | | **Ħut, ċefalopodi, u krustaċji minbarra l-ispeċi fil-mira** |
| 11 | **Bastimenti tas-sajd pelaġiku mingħajr friża** | **3% tat-total ta' l-ispeċi jew grupp ta' speċijiet fil-mira awtorizzati (piż ħaj)** | **Krustaċji u ċefalopodi minbarra klamari** |

**Appendiċi 6 Leġiżlazzjoni fis-seħħ fir-rigward tad-daqsijiet minimi tal-qabdiet miżmuma abbord**

**"Taqsima III: Id-daqsijiet u piżijiet minimi ta' l-ispeċijiet**

**Artikolu 2**: Id-dimensjonijiet minimi ta' l-ispeċijiet iridu jitkejlu:

– għall-ħut, mill-ponta ta' l-imnieħer sat-tarf tad-denb (tul totali);

– għaċ-ċefalopodi, it-tul tal-ġisem biss, mingħajr is-saqajn;

– għall-krustaċji, mill-ponta tar-rostru sat-tarf tad-denb.

Il-ponta tar-rostru tfisser il-parti mtawla tal-qoxra li tinsab fil-parti medjana tan-naħa ta' quddiem taċ-ċefalotoraċi. Għall-awwista roża, il-punt ta' referenza huwa n-nofs tal-parti mdaħħla l-ġewwa tal-qoxra li tinsab bejn iż-żewġ qrun ta' quddiem.

**Artikolu 3**: Id-daqsijiet u l-piżjiet minimi tal-ħut tal-baħar, ċefalopodi u krustaċji li s-sajd għalihom huwa awtorizzat huma ta':

a) Għall-ħut tal-baħar:

– Laċċi (Sardinella aurita u Sardinella maderensis) ..... 18 cm
– Sardin (Sardina pilchardus) ..... 16 cm
– Sawrell ta' l-Ewropa u Sawrell iswed ta' l-Afrika (Trachurus Spp.) ..... 19 cm
– Sawrell, Sawrell isfar (Decapturus rhonchus) ..... 19 cm
– Kavall ta' l-għajn (Scomber japonicus) ..... 25 cm
– Awrat (Sparus auratus) ..... 20 cm
– Pagru rar, Pagru (Sparus coeruleostictus) ..... 23 cm
– Pagru ħamrani (Sparus auriga), Pagru komuni (Sparus pagrus) ..... 23 cm
– Denċi (Dentex Spp) ..... 15 cm
– Paġella ħamra, bażuga (Pagellus bellottii, Pagellus acarne) ..... 19 cm
– *Rubberlip grunt* (Plectorhynchus mediterraneus) ..... 25 cm
– Għarab (Labrus merula) ..... 25 cm
– Gurbell Tork (Sciena Umbra) ..... 25 cm
– Gurbell rar (Argirosomus regius) u *Cassava croaker* (Pseudotholithus senegalensis) 70 cm
– Ċeren u Dott (Epinephelus Spp) ..... 40 cm

- Serra tas-snien (Pomatomus saltator) ..... 30 cm
- Trilja (Pseudupeneus prayensis)..... 17 cm
- Mulett (Mugil Spp)..... 20 cm
- Mazzola bla xewka (Mustellus mustellus, Leptocharias smithi)..... 60 cm
- Spnotta tat-Tbajja' (Dicentrarchus punctatus) ..... 20 cm
- Lingwata (Cynoglossus canariensis, Cynoglossus monodi) ..... 20 cm
- Lingwata (Cynoglossus cadenati, Cynoglossus senegalensis)..... 30 cm
- Marlozz (Merluccius Spp)..... 30 cm
- Tonn tal-pinen sofor (Thunnus albacares) ta' piż inqas minn..... 3.2 kg
- Tonn għajnu kbira (Thunnus obesus) ta' piż inqas minn ..... 3.2 kg

b) Għaċ-ċefalopodi:

- Qarnit, Tako (Octopus vulgaris)..... 500 gr (mnaddaf)
- Klamari (Loligo vulgaris)..... 13 cm
- Siċċa (Sepia officinalis)..... 13 cm
- Siċċa (Sepia bertheloti) ..... 07cm

c) Għall-krustaċji:

- Awwista ħadra (*Panulirus regius*) ..... 21 cm
- Awwista roża (*Palinurus mauritanicus*) ..... 23 cm
- Gambli tal-fond (*Paraleneus longriostrus*)..... 06 cm
- Granċ tal-fond (*Geyryon maritae)*..... 06 cm
- Gamblu roża jew gamblu imperjali (*Penaeus notialis*, *Penaeus kerathurus)* ..... 200 indv/kg

**Appendiċi 7 : Lista ta' fatturi ta' konverżjoni**

**RATI TA' KONVERŻJONI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI GĦALL-PRODOTTI LESTI TAS-SAJD, MIKSUBA MINN SPEĊIJIET PELAĠIĊI ŻGĦAR IPPROĊESSATI ABBORD IL-BASTIMENTI**

| Produzzjoni | Trattament: | Rati ta' konverżjoni |
|---|---|---|
| Laċċa | | |
| Bla ras | Tqattigħ bl-idejn | 1,416 |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bl-idejn | 1,675 |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bil-magni | 1,795 |
| Kavalli | | |
| Bla ras | Tqattigħ bl-idejn | 1,406 |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bl-idejn | 1,582 |
| Bla ras | Tqattigħ bil-magni | 1,445 |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bil-magni | 1,661 |
| Għaċ-ċinturin iswed | | |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bl-idejn | 1,323 |
| Flettijiet | Tqattigħ bl-idejn | 1,340 |
| Bla ras, imnaddfa (qatgħa speċjali) | Tqattigħ bl-idejn | 1,473 |
| Sardin | | |
| Bla ras | Tqattigħ bl-idejn | 1,416 |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bl-idejn | 1,704 |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bil-magni | 1,828 |
| Sawrell | | |
| Bla ras | Tqattigħ bl-idejn | 1,570 |
| Bla ras | Tqattigħ bil-magni | 1,634 |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bl-idejn | 1,862 |
| Bla ras, imnaddfa | Tqattigħ bil-magni | 1,953 |

**NB:** Għall-ipproċessar tal-ħut bid-dqiq, ir-rata ta' konverżjoni aċċettata hija ta' 5.5 tunnellati ta' ħut frisk għal kull tunnellata ta' dqiq.

**ANNESS II**

***KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-KONTROLL TA' L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD TAL-BASTIMENTI TAL-KOMUNITÀ FIŻ-ŻONI TAS-SAJD TAR-REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAWRITANJA***

# Kapitolu I
# Dħul u ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Mawritanja

1. Ħlief għall-bastimenti li jistadu għat-tonn, il-bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ u l-bastimenti tas-sajd pelaġiku (fejn iż-żmien isegwi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli XIV u XV ta' l-Anness I), il-bastimenti tal-Komunità li jaħdmu fil-qafas ta' dan il-Ftehim iridu jikkomunikaw b'mod obbligatorju:

   a) id-dħul:

   Dawn għandhom jiġu notifikati talanqas 36 siegħa qabel u trid tingħata l-informazzjoni li ġejja:

   – il-pożizzjoni tal-bastiment matul il-komunikazzjoni;

   – il-jum, id-data u s-siegħa bejn wieħed u ieħor meta huwa stmat id-dħul fiż-żona ŻEE tal-Mawritanja;

   – il-qabdiet għal kull speċi miżmuma abbord fil-ħin tal-komunikazzjoni, għall-bastimenti li kienu wrew minn qabel li għandhom liċenzja tas-sajd għal żona oħra tas-sajd fis-sottoreġjun. F'dan il-każ, is-Sorveljanza għandha jkollha aċċess għall-ġurnal tas-sajd relattiv għal din iż-żona l-oħra tas-sajd, u ż-żmien tal-kontroll eventwali ma jistax idum aktar miż-żmien previst fil-punt 4 ta' dan il-Kapitolu.

   b) il-ħruġ:

   Dawn iridu jiġi notifikati talanqas 48 siegħa qabel, u trid tingħata l-informazzjoni li ġejja:

   – il-pożizzjoni tal-bastiment matul il-komunikazzjoni;

   – il-jum, id-data u s-siegħa tal-ħruġ miż-żona ŻEE tal-Mawritanja;

   – il-qabdiet, għal kull speċi, miżmuma abbord fil-ħin tal-komunikazzjoni.

2. Is-sidien għandhom jikkomunikaw lis-Sorveljanza d-dħul u l-ħruġ tal-bastimenti tagħhom miż-ŻEE tal-Mawritanja permezz tal-faks, posta elettronika jew posta li jintbagħtu fuq in-numru tal-faks u l-indirizz murija fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness. F'każ ta' problemi fil-komunikazzjoni b'dawn il-mezzi, l-informazzjoni tista' tinbagħat, eċċezzjonalment, permezz tal-parti Komunitarja.

Kull modifika tan-numri tal-komunikazzjoni u ta' l-indirizzi għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, fi żmien 15-il jum mid-dħul fis-seħħ tagħha.

3. Sakemm idumu fiż-ŻEE tal-Mawritanja, il-bastimenti Komunitarji għandhom dejjem isegwu l-frekwenzi tas-sejħa internazzjonali. (VHF Kanal 16 jew HF 2182 Khz)

4. Meta jirċievu l-messaġġi tal-ħruġ miż-żona tas-sajd, l-awtoritajiet tal-Mawritanja jirriżervaw id-dritt li jiddeċiedu li jwettqu kontroll qabel il-ħruġ tal-bastimenti abbażi ta' ġbir ta' kampjuni madwar il-port ta' Nouadhibou jew dak ta' Nouakchott.

   Dawn l-operazzjonijiet ta' kontroll m'għandhomx idumu aktar minn 6 sigħat għall-pelaġiċi (kategorija 9) u aktar minn 3 sigħat għall-kategoriji l-oħra.

5. In-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet previsti fil-punti 1 sa 3 hawn fuq iwassal għas-sanzjonijiet li ġejjin:

   a) għall-ewwel darba:

      – il-bastiment titbiddillu d-direzzjoni, jekk dan ikun possibbli;

      – it-tagħbija abbord tinħatt u tiġi kkonfiskata, bi profitt għat-Teżor;

      – il-bastiment iħallas multa ugwali għall-minimu ta' l-ammont previst mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

   b) għat-tieni darba:

      – il-bastiment titbiddillu d-direzzjoni, jekk dan ikun possibbli;

      – it-tagħbija abbord tinħatt u tiġi kkonfiskata, bi profitt għat-Teżor;;

      – il-bastiment iħallas multa ugwali għall-minimu ta' l-ammont previst mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja;

      – il-liċenzja tiġi annullata għall-bqija tal-perjodu tal-validità tagħha.

   c) għat-tielet darba:

      – il-bastiment titbiddillu d-direzzjoni, jekk dan ikun possibbli;

      – it-tagħbija abbord tinħatt u tiġi kkonfiskata, bi profitt għat-Teżor;;

      – il-liċenzja tiġi rtirata b'mod definittiv;

      – il-kaptan u l-bastiment ma jitħallewx iwettqu attività fil-Mawritanja.

6. F'każ li l-bastiment li jwettaq il-kontravenzjoni jaħrab, il-Ministeru jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni sabiex is-sanzjonijiet previsti fil-punt 5 hawn fuq jistgħu jiġu applikati.

# Kapitolu II
# Passaġġ innoċenti

Meta l-bastimenti tas-sajd tal-Komunità jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-passaġġ innoċenti u ta' navigazzjoni fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali fil-qasam, dawn għandhom iżommu l-irkaptu kollu tas-sajd merfugħ abbord kif suppost, b'mod li dan ma jkunx jista' jintuża immedjatament.

# Kapitolu III
# It-Trażbord

1. It-trażbord tal-qabdiet tal-bastimenti tal-Komunità jitwettqu esklussivament madwar il-portijiet tal-Mawritanja u fiż-żoni previsti fl-Appendiċi 5 ta' dan l-Anness.

2. Kull bastiment tal-Komunità li jixtieq iwettaq trażbord tal-qabdiet għandu jissottometti ruħu għall-proċedura prevista fil-punti 3 u 4 hawn fuq.

3. Is-sidien ta' dawn il-bastimenti għandhom jinnotifikaw lis-Sorveljanza, talanqas 36 siegħa qabel, bil-mezzi ta' komunikazzjoni previsti fil-punt 2 tal-Kapitolu I ta' dan l-Anness, l-informazzjoni li ġejja:

   – l-isem tal-bastimenti tas-sajd qabel ma jwettqu t-trażbord;

   – l-isem tal-bastiment tal-merkanzija;

   – it-tunnellaġġ, għal kull speċi, li jkun ser jiġi trażbordat;

   – il-jum, id-data u l-ħin tat-trażbord.

   Is-Sorveljanza tikkomunika r-risposta tagħha fi żmien massimu ta' 24 siegħa.

4. It-trażbord jitqies bħala ħruġ miż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja. Il-bastimenti għalhekk għandhom jagħtu lura lis-Sorveljanza, il-kopji oriġinali tal-ġurnal tas-sajd u tal-ġurnal tas-sajd anness u jinnotifikaw bl-intenzjoni tagħhom, kemm biex ikomplu s-sajd u kemm biex joħorġu miż-żona tas-sajd tal-Mawritanja.

5. Kull ħidma tat-trażbord tal-qabdiet mhux stipulata fil-punti 1 sa 4 hawn fuq mhix permessa fiż-ŻEE tal-Mawritanja. Kull kontravenzjoni għal din id-dispożizzjoni hija soġġett għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja fis-seħħ.

6. Il-Parti tal-Mawritanja tirriserva d-dritt li tirrifjuta t-trażbord jekk il-bastiment li jġorr il-qabda jkun wettaq sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux regolamentat kemm ġewwa kif ukoll barra miż-ŻEE tal-Mawritanja.

# Kapitolu IV
# Spezzjoni u Kontroll

1. Il-kaptani tal-bastimenti tal-Komunità, jippermettu u jiffaċilitaw it-tlugħ abbord u t-twettiq tad-dmirijiet ta' kull uffiċjal tal-Mawritanja responsabbli mill-ispezzjoni u mill-kontroll ta' l-attivitajiet tas-sajd.

   Il-preżenza abbord ta' dawn l-uffiċjali ma taqbiżx iż-żmien meħtieġ għat-twettiq tal-kompitu tagħhom.

   Wara kull spezzjoni u kontroll fil-port, jingħata rapport tal-viżta lill-kaptan tal-bastiment.

2. Il-Parti Komunitarja torbot ruħha li żżomm il-programm speċifiku tal-kontroll fil-portijiet Komunitarji. Dan il-programm jiġi kkomunikat lill-Ministeru, li jirriżerva d-dritt li jitlob li jassisti f'dawn il-kontrolli skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Kapitolu V. Ġabriet tar-rapporti tal-kontrolli mwettqa jintbagħtu perjodikament lill-Ministeru.

# Kapitolu V
# Sistema ta' osservazzjoni Konġunta tal-kontrolli fuq l-art

Iż-żewġ Partijiet jiddeċiedu li jistabbilixxu sistema ta' osservazzjoni Konġunta ta' kontrolli fuq l-art, bil-ħsieb li titjieb l-effikaċja tal-kontroll. Għal dan il-għan, huma għandhom jaħtru rappreżentanti li jassistu fil-ħidmiet tal-kontroll u l-ispezzjonijiet magħmula mis-servizzi nazzjonali tal-kontroll rispettivi u jistgħu jagħmlu osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Dawn ir-rappreżentanti jrid ikollhom:

– kwalifika professjonali

– esperjenza adegwata fil-qasam tas-sajd, u

– għarfien approfondit tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u ta' dan il-Protokoll.

Meta dawn ir-rappreżentanti jassistu fl-ispezzjonijiet, dawn jitwettqu mis-servizzi nazzjonali tal-kontroll u dawn ir-rappreżentanti ma jistgħux, fuq l-inizjattiva tagħhom, jeżerċitaw drittijiet ta' spezzjoni mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali.

Meta dawn ir-rappreżentanti jakkompanjaw lill-uffiċjali nazzjonali, dawn ikollhom aċċess għall-bastimenti, postijiet u dokumenti li huwa suġġetti għall-ispezzjoni mill-uffiċjali, sabiex jiġbru informazzjoni mhux personali neċessarji biex iwettqu l-ħidma tagħhom.

Ir-rappreżentanti jakkompanjaw is-servizzi nazzjonali tal-kontroll fiż-żjarat tagħhom fil-portijiet abbord tal-bastimenti mal-moll, iċ-ċentri tal-bejgħ ta' rkanti pubbliċi, fl-imħażen tal-grossista tal-ħut, fl-imħażen bil-friża u lokali oħra li għandhom x'jaqsmu mal-ħatt u l-ħażniet

tal-ħut qabel l-ewwel bejgħ fuq it-territorju jew fil-post fejn jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba.

Ir-rappreżentanti jippreparaw u jippreżentaw rapport kull 4 xhur rigward il-kontrolli li huma jkunu assistew fihom. Dan ir-rapport jiġi indirizzat lill-awtoritajiet kompetenti. Kopja tingħata minn dawn l-awtoritajiet lill-Parti kontraenti l-oħra.

1. Implimentazzjoni

L-awtorità kompetenti tal-kontroll ta' Parti kontraenti għal kull każ tavża bil-miktub għaxart ijiem bil-quddiem lill-Parti kontraenti l-oħra bl-ispezzjonijiet li din tkun iddeċidiet li ser twettaq fil-port tagħha.

Il-Parti kontraenti l-oħra tavża ħamest ijiem bil-quddiem, bl-intenzjoni tagħha li tibgħat rappreżentant.

Il-missjoni tar-rappreżentant m'għandhiex iddum aktar minn 15-il jum.

2. Kunfidenzjalità

Ir-rappreżentant tal-ħidmiet tal-kontroll konġunt għandu jirrispetta l-proprjetà u t-tagħmir li jinstabu abbord tal-bastimenti u apparat ieħor, kif ukoll il-kunfidenzjalità ta' kull dokument li hu jkollu aċċess għalihom.

Ir-rappreżentant għandu jikkomunika r-riżultati tal-ħidmiet tiegħu biss lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.

3. Post

Dan il-programm japplika għall-portijiet Komunitarji tal-ħatt u għall-portijiet tal-Mawritanja.

4. Iffinanzjar

Kull Parti kontraenti għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż kollha tar-rappreżentant tagħha għall-ħidmiet ta' kontroll konġunt inkluż dawk ta' l-ivjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni.

# Kapitolu VI
# Proċedura fil-każ ta' tlugħ abbord u spezzjoni, u applikazzjoni tas-sanzjonijiet

1. Ir-rapport ta' l-ispezzjoni

Il-minuti tat-tlugħ abbord u l-ispezzjoni huma stabbiliti mis-Sorveljanza b'fedeltà abbażi ta' l-infrazzjonijiet eventwali stabbiliti u rreġistrati fir-rapport tal-viżta ppreparat wara l-kontroll tal-bastiment. Dan ir-rapport ta' viżta li jispeċifika ċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet li wasslu għall-ispezzjoni, irid jiġi ffirmat mill-kaptan tal-

bastiment, li jista' jinkludi fih ir-riżervi tiegħu, u li tintbagħtlu kopja permezz tas-Sorveljanza.

Din il-firma ma tippreġudikax id-drittijiet u l-mezzi ta' difiża li l-kaptani jistgħu jagħmlu użu minnhom f'każ ta' xi infrazzjoni li tiġi attribwita lilu.

2. Notifikar tat-tlugħ abbord u spezzjoni

F'każ ta' spezzjoni, is-Sorveljanza tinnotifika bil-posta, lir-rappreżentant tal-bastiment, ir-rapport dwar l-infrazzjoni flimkien mar-rapport tal-viżta ta' l-ispezzjoni Is-Sorveljanza tinforma lid-Delegazzjoni, fl-iqsar żmien possibbli, mingħajr ma taqbeż it-48 siegħa ta' xogħol, b'kull tlugħ abbord u spezzjoni u b'kull applikazzjoni ta' sanzjonijiet għal bastiment tas-sajd tal-Komunità, li jkunu seħħew fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja.

Fil-każ ta' infrazzjoni li ma tistax titwaqqaf fuq il-baħar, il-kaptan, fuq talba tas-Sorveljanza, jrid idaħħal il-bastiment tiegħu fil-port ta' Nouadhibou. Fil-każ ta' infrazzjoni, rikonoxxuta mill-bastiment, li tista' titwaqqaf fuq il-baħar, il-bastiment ikun jista' jkompli jistad.

Fiż-żewġ każijiet, wara li tkun waqfet l-infrazzjoni, il-bastiment ikun jista' jkompli jistad.

3. IL-proċedura għall-ispezzjoni

3.1. B'konformità ma' dan il-Protokoll u għar-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, l-infrazzjonijiet jistgħu jiġu regolati kemm bi proċedura ta' kompromess barra l-qorti, kif ukoll bi proċedura ġudizzjarja.

3.2. F'każ ta' proċedura ta' kompromess, it-total tal-multa applikata jiġi determinat f'limitu li jinkludi minimu u massimu previsti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

Is-sid tal-bastiment għandu jikkuntattja mingħajr dewmien lis-Sorveljanza, sabiex tinsab soluzzjoni għal din l-infrazzjoni.

Il-Kumitat tal-Ħlas għandu jitlaqqa' mill-awtorità ta' sorveljanza għal jum tax-xogħol wieħed biss, 24 siegħa wara li l-bastiment ikun daħal fil-Port. Dan japplika wkoll għal tlugħ abbord li jseħħ matul l-ispezzjonijiet tal-ħruġ.

Il-multa trid titħallas permezz ta' trasferiment ta' fondi sa mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tranżazzjoni. F'każ li l-bastiment joħroġ miż-ŻEE tal-Mawritanja, il-ħlas irid ikun sar qabel dan il-ħruġ. It-trażmissjoni ta' l-irċevuti mit-Teżor Pubbliku, u/jew il-kopja tat-Trasferiment bankarju, aċċettat mill-BCM (Nouadhibou jew Nouakchott) lis-Sorveljanza, rigward il-ħlas tal-multa, jservi ta' rċevuta għar-rilaxx tal-bastiment. Fil-każ ta' rċevuta ta' trasferiment bankarju aċċettat, il-konsenjatarju jrid jittrażmetti l-irċevuta oriġinali tat-Teżor pubbliku lis-Sorveljanza sa mhux aktar tard minn 72 siegħa wara r-rilaxx tal-bastiment.

3.3. Jekk il-proċedura ta' tranżazzjoni ma tkunx tlestiet b'success, il-Ministeru għandu jibgħat il-fajl mingħajr dewmien lill-prosekutur tar-Repubblika. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, sid-il-bastiment għandu jipprovdi

garanzija bankarja biex tkopri kwalunkwe multi li jistgħu jiġġarbu. Ir-rilaxx tal-bastiment għandu jseħħ 72 siegħa mid-data tad-depożitu tal-garanzija.

3.4. Il-garanzija bankarja tkun irrevokabbli qabel ma tintemm il-proċedura ġudizzjarja. Din issir disponibbli mill-Ministeru wara li tintemm il-proċedura mingħajr kundanna. Ukoll, fil-każ ta' kundanna li twassal għal multa, il-ħlas ta' din il-multa għandu jsir f'konformità mar-regoli fis-seħħ, li jipprevedu b'mod partikolari li l-garanzija bankarja għandha tiġi rilaxxata ladarba l-ħlas isir fi żmien 30 jum mis-sentenza.

3.5. Il-bastiment jinħeles u l-ekwipaġġ tiegħu jitħalla jitlaq mill-port:

– meta jitwettqu l-obbligi miftehma fil-proċedura bonarja;

– inkella wara d-depożitu tal-garanzija bankarja maħsuba fil-punt 3.3 aktar 'il fuq u li din tiġi aċċettata mill-Ministeru, waqt li tkun mistennija t-tkomplija tal-proċedura ġudizzjarja.

4. Osservanza tar-regolamenti

Kull informazzjoni dwar il-proċedura bonarja jew ġudizzjarja marbuta ma' l-infrazzjonijiet imwettqa mill-bastimenti Komunitarji huma kkomunikati fi żmien 48 siegħa lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

# Kapitolu VII
# Monitoraġġ bis-satellita tal-bastimenti tas-sajd

1. Il-bastimenti kollha tas-sajd li jkunu qed jistadu fil-qafas ta' dan il-Ftehim, ser ikunu suġġetti għal monitoraġġ bis-satellita meta jkunu fiż-ŻEE tal-Mawritanja.

2. Għal raġunijiet ta' monitoraġġ bis-satellita, il-koordinati (latitudni u lonġitudni) taż-ŻEE tal-Mawritanja jidhru fl-Appendiċi 4.

3. Il-Partijiet għandhom jipproċedu għal skambju ta' informazzjoni li tikkonċerna l-indirizzi u l-ispeċifikazzjonijiet utilizzati fil-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' bejn iċ-Ċentri tal-Kontroll tagħhom b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 5 u 7. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, sa fejn ikun possibbli, l-ismijiet, in-numri tat-telefon u tal-faks u l-indirizzi elettroniċi (Internet jew https) li jistgħu jkunu utli għall-komunikazzjonijiet ġenerali bejn iċ-Ċentri tal-Kontroll. L-informazzjoni li tikkonċerna liċ-Ċentru tal-Kontroll tal-Mawritanja hija indikata fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

4. Il-pożizzjoni tal-bastimenti hija determinata b'marġini ta' żball inferjuri għal 500 m u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99%.

5. Meta bastiment li qed jistgħad fil-qafas tal-Ftehim u li jkun suġġett għall-monitoraġġ permezz tas-satellita fit-termini tal-leġiżlazzjoni Komunitarja jerġa' jidħol fiż-ŻEE tal-Mawritanja, ir-rapporti tal-pożizzjoni sussegwenti jiġu kkomunikati immedjatament miċ-Ċentru tal-Kontroll ta' l-Istat tar-reġistrazzjoni lis-Sorveljanza (FMC), b'intervalli massimi ta' siegħa (l-identifikazzjoni tal-bastiment, il-lonġitudni,

il-latitudni, ir-rotta u l-veloċità). Dawn il-messaġġi huma identifikati bħala Rapporti tal-Pożizzjoni.

6. Il-messaġġi msemmija fil-punt 5 jiġu trażmessi elettronikament fil-format ta' l-https, jew kwalunkwe protokoll ieħor sikur (X.25...). Dawn il-messaġġi jiġu komunikati f'ħin reali, konformement mal-format tat-tabella mehmuża fl-Appendiċi 3.

7. F'każ li l-apparat tal-monitoraġġ permanenti permezz tas-satellita installat abbord tal-bastiment tas-sajd iġarrab xi nuqqas tekniku jew jieqaf bil-ħsara, il-kaptan ta' dan il-bastiment jittrażmetti kemm jista' jkun malajr l-informazzjoni stipulata fil-punt 5 liċ-Ċentru tal-Kontroll ta' l-Istat tar-reġistrazzjonitar-reġistrazzjoni u lill-FMC tal-Mawritanja permezz tal-fax. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ikun neċessarju li jintbagħat Rapport tal-Pożizzjoni globali kull 4 sigħat. Dan ir-rapport tal-pożizzjoni globali għandu jinkludi r-rapporti tal-pożizzjoni hekk kif irreġistrati mill-kaptan tal-bastiment fuq bażi ta' kull siegħa skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 5. Huwa rrakomandat lis-sidien li bħala prekawzjoni jkollhom żewġ radjijiet abbord.

Iċ-Ċentru tal-Kontroll ta' l-Istat tar-reġistrazzjoni għandu jibgħat immedjatament dawn il-messaġġi lill-FMC tal-Mawritanja. It-tagħmir difettuż għandu jiġi msewwi jew sostitwit fi żmien massimu ta' ħamest ijiem. Meta jgħaddi dan iż-żmien, dan il-bastiment ikollu joħroġ miż-ŻEE tal-Mawritanja jew jidħol f'xi wieħed mill-portijiet tal-Mawritanja.

F'każ ta' problema teknika gravi li tesiġi dewmien supplementari, tista' tingħata deroga għal massimu ta' ħmistax-il jum fuq talba tal-kaptan. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet previsti fil-punt 7 jibqgħu applikabbli u l-bastimenti kollha, bl-eċċezzjoni tal-bastimenti li jistadu għat-tonn, għandhom jidħlu fil-port biex itellgħu abbord osservatur xjentifiku mill-Mawritanja.

8. Iċ-Ċentri tal-Kontroll ta' l-Istati tal-bandiera għandhom jissorveljaw il-moviment tal-bastimenti tagħhom fiż-ŻEE tal-Mawritanja b'perjodiċità ta' siegħa. Fil-każ fejn il-monitoraġġ tal-bastimenti ma jseħħx skond il-kundizzjonijiet stipulati, l-FMC tal-Mawritanja jiġi infurmat b'dan immedjatament, u tapplika l-proċedura stipulata fil-punt 7.

9. Jekk l-FMC tal-Mawritanja jistabbilixxi li l-Istat tar-reġistrazzjoni ma jikkomunikax l-informazzjoni stipulata fil-punt 5, il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata immedjatament permezz tad-Delegazzjoni.

10. L-informazzjoni tas-sorveljanza kkomunikati lill-Parti l-oħra, b'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, għandha tkun destinata esklussivament għall-kontroll u s-sorveljanza mill-awtoritajiet tal-Mawritanja tal-flotta Komunitarja li qed tistad fil-qafas ta' dan il-Ftehim. Din l-informazzjoni fl-ebda każ ma tista' tiġi komunikata lill-partijiet oħra.

11. L-elementi tas-software u l-materjal tat-tagħmir tas-sistema ta' sorveljanza permezz tas-satellita għandhom ikunu affidabbli, ma jkunu jippermettu l-ebda falsifikazzjoni tal-pożizzjonijiet u ma jkunux jistgħu jiġu manipulati b'mod manwali.

Is-sistema għandha tkun totalment awtomatika u taħdem f'kull mument u b'mod indipendenti mill-kundizzjonijiet ta' l-ambjent u tal-klima. M'huwiex permess li

tinqered, issir ħsara, titwaqqaf milli taħdem jew ikun hemm interferenza fis-sistema ta' monitoraġġ permezz tas-satellita.

Il-kaptani tal-bastimenti għandhom jassiguraw li:

– l-informazzjoni ma tiġix mibdula;

– l-antenna jew l-antenni marbuta mat-tagħmir ta' sorveljanza permezz tas-satellita ma jkunux imblukkati;

– il-provvista ta' l-elettriku tat-tagħmir tal-monitoraġġ permezz tas-satellita ma tkunx interrotta;

– it-tagħmir tas-sorveljanza permezz tas-satellita ma jitneħħiex.

12. Il-Partijiet jaqblu li, fuq talba, isir skambju ta' l-informazzjoni li tikkonċerna t-tagħmir utilizzat għas-sorveljanza permezz tas-satellita, sabiex ikun verifikat li kull tagħmir huwa kompatibbli bis-sħiħ ma' l-eżiġenzi tal-parti l-oħra għall-iskopijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

13. Kull tilwima li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazjzoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija suġġetta għall-konsultazzjoni bejn il-Partijiet fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta stipulata fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

14. F'każ ta' dubju dwar bastiment partikolari, l-FMC tal-Mawritanja għandu jindirizza talba lill-FMC ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni biex jittrażmettilu mingħajr dewmien il-pożizzjonijiet ġeografiċi (polling) ta' dan il-bastiment matul il-perjodu indikat fit-talba.

Fil-każ ta' suspett dwar l-attivitajiet ta' ċerti bastiment, il-Mawritanja għandha tinforma uffiċjalment lill-Istat tal-Bandiera u lill-Komunità rigward dan. Il-Komunità tintrabat li tapplika d-dispożizzjonijiet marbuta mal-liġi Komunitarja.

15. Iż-żewġ Partijiet, fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta prevista fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, jimpenjaw ruħhom li jsibu s-soluzzjonijiet l-aktar adegwati sabiex:

a) Jitneħħew, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-problemi tekniċi kollha li jistgħu jaffetwaw l-effikaċja tas-sistema VMS fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja;

b) Jiġu analizzati il-mezzi u l-metodi kollha li jippermettu t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bil-ħsieb li tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet VMS, u b'mod partikolari għall-inkoraġġiment tat-trażmissjoni simultanja ta' l-informazzjoni mill-bastimenti Ewropej lill-FMC ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u tas-Sorveljanza.

# Kapitolu VIII
# Osservaturi xjentifiċi mill-Mawritanja abbord il-bastimenti tal-Komunità

Sistema ta' osservazzjoni hija stabbilita abbord il-bastimenti tal-Komunità.

1. Kull bastiment tal-Komunità li għandu liċenzja fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, itella' abbord osservatur xjentifiku mill-Mawritanja, ħlief għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun li jtellgħu osservatur abbord fuq talba tal-Ministeru. F'kull każ, ma jistax jittella' ħlief osservatur xjentifiku wieħed għal kull bastiment.

   Il-Ministeru jikkomunika lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, kull trimestru, qabel ma jingħataw il-liċenzji, il-lista tal-bastimenti magħżula li jtellgħu osservatur xjentifiku.

2. Iż-żmien li l-osservatur xjentifiku jdum abbord huwa ta' vjaġġ. Madankollu, fuq talba espliċita tal-Ministeru, dan it-tlugħ jista' jitwal għal diversi vjaġġi skond it-tul ta' żmien medju tal-vjaġġi maħsuba għal bastiment partikolari. Din it-talba ssir mill-Ministeru meta jiġi kkomunikat l-isem ta' l-osservatur xjentifiku maħtur biex jitla' fuq il-bastiment ikkonċernat.

   Bl-istess mod, f'każ ta' vjaġġ qasir, l-osservatur xjentifiku jista' jerġa' jagħmel vjaġġ ġdid fuq l-istess bastiment.

3. Il-Ministeru jinforma lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, l-ismijiet ta' l-osservaturi xjentifiċi maħtura, li jkollhom id-dokumenti meħtieġa, talanqas seba' ġranet tax-xogħol qabel id-data prevista għat-tlugħ tagħhom.

4. L-ispejjeż kollha marbuta ma' l-attivitajiet ta' l-osservaturi xjentifiċi, inkluż is-salarju, remunerazzjoni, kumpens ta' l-osservatur għandhom jitħallsu mill-Ministeru. Fil-każ fejn l-osservatur xjentifiku jittella' jew jitniżżel f'port barrani, l-ispejjeż tal-vjaġġ, kif ukoll il-kumpens ta' kuljum għandhom jitħallsu mis-sid tal-bastiment, sakemm ma l-osservatur jitwassal fuq bastiment jew f'port tal-Mawritanja.

5. Il-kaptani tal-bastimenti magħżula li jilqgħu osservatur xjentifiku abbord għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex itellgħu abbord u jniżżlu lill-osservatur xjentifiku.

   L-osservatur xjentifiku għandu jiġi milqugħ abbord bħala uffiċjal tal-bastiment.

   L-osservatur xjentifiku jiddisponi mill-faċilitajiet kollha neċessarji għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu. Il-kaptan għandu jagħtih aċċess għall-mezzi tal-komunikazzjoni neċessarji għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, għad-dokumenti marbuta direttament għall-attivitajiet ta' sajd tal-bastiment, għall-ġurnal tas-sajd, għall-ġurnal tas-sajd supplementari u għall-ktieb tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment neċessarji biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' osservazzjoni tiegħu.

6. It-tlugħ jew l-inżul ta' l-osservatur xjentifiku għandu jsir ġeneralment fil-portijiet tal-Mawritanja fil-bidu ta' l-ewwel vjaġġ, wara li tkun notifikata l-lista tal-bastimenti maħtura, u din in-notifika għandha ssir għoxrin jum qabel ma jibda l-vjaġġ.

Is-sidien, permezz tar-rappreżentanti lokali għandhom jinfurmaw lis-Sorveljanza, bil-mezzi tal-komunikazzjoni msemmija fil-Kapitolu I ta' dan l-Anness, fi żmiem ħmistax-il jum minn din in-notifika, id-dati u l-portijiet previsti għat-tlugħ ta' l-osservatur xjentifiku.

7. L-osservatur xjentifiku għandu jippreżenta ruħu lill-kaptan tal-bastiment magħżul lejliet id-data stabbilita għat-tlugħ abbord tiegħu. F'każ li l-osservatur xjentifiku ma jippreżentax ruħu, il-kaptan tal-bastiment jinforma lis-Sorveljanza li tipproċedi biex tissostitwixxi lill-istess osservatur fis-sagħtejn ta' wara. F'każ kuntrarju, il-bastiment għandu l-jedd jitlaq mill-port b'ċertifikat ta' assenza ta' l-osservatur xjentifiku. Madankollu, il-Ministeru jista' jipproċedi, għas-spejjeż tiegħu, li jtella' abbord osservatur xjentifiku ġdid, mingħajr ma jtellef l-attività ta' sajd tal-bastiment.

8. Jekk is-sid tal-bastiment ma josservax xi waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet t'hawn fuq fir-rigward ta' l-osservatur xjentifiku, dan iwassal għal sospensjoni awtomatika tal-liċenzja sa ma s-sid iwettaq l-obbligi tiegħu.

9. L-osservatur xjentifiku għandu jkollu:

